“Il-fidwa tagħkom hi fil-qrib”

(Lq 21:28)

Riflessjonijiet
għal kull jum tal-Avvent 2021

X’intom tgħidu?

PJAN PASTORALI · DIOCESI 2021-2022

“ Il-fidwa tagħkom hi fil-qrib ”

(Lq 21:28)

Riflessjonijiet
għal kull jum tal-Avvent 2021

Malta 2021

Dan is-sussidju tħejja minn għadd ta' voluntiera f'kollaborazzjoni mas-Segreterija Pastorali tad-Djoċesi ta' Għawdex b'għajnuna għat-tieni fażi tal-Pjan Pastorali Djoċesan 2021-2021 bit-tema "X'intom tgħidu?".

F'dan l-Avvent u fil-bidu tat-tħejjija għall-Pjan Pastorali fid-Djoċesi tagħna, il-Mulej jistedinna biex, wara li nkunu għamilna sew *eżami tal-kuxjenza*, ngħaddu mid-dlam tagħna (dnub, egoiżmu, għira, ġlied, firda...) għad-dawl tiegħu (il-grazzja ta' Alla, konverżjoni, għarfien tal-imħabba gratwita ta' Alla l-Missier, l-għaqda bejnietna, sliem...). Huwa żmien ta' grazzja kbira għalina, il-Knisja f'Għawdex. Hi stedina biex niġġeddu u nissaħħu fil-fidi tagħna...

AVVENT 1

28 ta' Novembru
L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

QARI

Ġer 33:14-16 Intalla' min-nisel ta' David rimja tas-sewwa.
Salm 24(25):4bċ-5ab,8-9,10,14 Lejk jien nerfa' ruħi, Mulej.
1 Tess 3:12-4:2 Il-Mulej iqawwilkom qalbkom għal meta jiġi Sidna Ġesù.
Lq 21:25-28,34-36 Il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.

VERS KERIGMATIKU

Lq 21:28 Qawwu qalbkom u erfgħu raskom, għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam qtigħ il-qalb
Dawl fiduċja

RIFLESSJONI

Il-fdal tal-poplu Lhudi kien reġa' lura f'artu wara l-esperjenza qarsa tal-eżilju fil-Babilonja. Imma wara l-ewwel entużjażmu, dan il-fdal kien qed iħoss li Alla ma kienx żamm għalkollox il-wegħdiet li kien qalilhom permezz tal-profeti tiegħu. Fil-poplu li reġa' lura kien hemm sens ta' qtigħ il-qalb u ċerta delużjoni. Kienu reġgħu lura f'darhom iżda kienu jħossuhom barranin u mhux milqugħa minn dawk li ma kinux ġarrbu l-eżilju. Kienu bnew djarhom u ppruvaw jibnu xortihom mill-ġdid, waqt li warrbu fil-ġenb il-bini tat-Tempju u tal-ħitan tal-belt: "Bosta żrajtu, imma ftit ħżintu; kiltu, u m'hemmx li tiskru; ilbistu, u m'hemmx li tisħnu; u l-ħaddiem mikri jqiegħed ħlasu f'but imtaqqab" (Ħag 1:6). Il-qagħda soċjali ta' sfiduċja u qtigħ il-qalb kienet tirrifletti l-qagħda reliġjuża tal-poplu: donnu li kienu warrbu għalkollox il-wirt reliġjuż li kellhom, u ddakkru jgħixu bħall-popli tal-madwar.

Kienu qed jitilfu l-interess f'Alla tal-profeti tagħhom u jfittxu l-wens ta' allat oħra.

Lil dawk li kienu qed jaqtgħu qalbhom jew tilfu kull tama, il-profeta Ġeremija, il-mibgħut ta' Alla, iwasslilhom kelma ta' kuraġġ u fiduċja, mibnija fuq il-wegħdiet ta' Alla lid-dar ta' Iżrael u lid-dar ta' Ġuda: se jiġu jiem ta' ġid fuq Ġerusalemm; Alla se jagħtihom mexxej mill-familja ta' David. Il-wegħdiet tal-qedem għad iseħħu: Alla mhuwiex imbiegħed daqskemm wieħed jaħseb.

Dan is-sens ta' fiduċja u tama li l-Mulej ma jiddawwarx ma jwettaq il-wegħdiet tiegħu, jimla wkoll bil-fiduċja u bil-qawwa lill-komunità Nisranija, li tgħix dejjem fl-istennija tal-Mulej li ġie l-ewwel darba u għandu jiġi mill-ġdid fil-glorja fl-aħħar taż-żminijiet. Qalbu qawwija fil-Mulej, xejn m'għandu jfixkel in-Nisrani fil-mixja u t-tħabrik tiegħu biex jgħix ħajja qaddisa, anqas jekk "is-smewwiet jitqallbu". Il-fidwa hi dejjem fil-qrib, qatt mhi 'l bogħod.

Anki jekk iż-żmien u t-twettiq tal-wegħdiet mhumiex f'idejh, in-Nisrani ma jintelaqx, imma mimli fiduċja jerfa' l-ħarsa tiegħu lejn il-Mulej, biex ikun mgħallem jimxi fis-sewwa tal-mogħdijiet tiegħu. Ċert li Alla hu s-salvazzjoni tiegħu, in-Nisrani jaf li "l-mogħdijiet tal-Mulej kollhom tjieba u fedeltà". Il-Mulej hu midħla ta' dawk li jħobbuh u jittamaw fih.

It-tama Nisranija tissarraf f'atteġġjamenti pożittivi u attivi. "Qalbu qawwija fit-tama fil-Mulej" (Salm 112:7), in-Nisrani jkattar l-għemejjel tal-imħabba u tal-qdusija fil-mixja tal-ħajja tiegħu li togħġob lil Alla. Hu dan il-mod li bih jistenna u jersaq lejn il-Mulej li ġej.

MISTOQSIJIET

- Fil-ħajja ngħaddu minn esperjenzi ta' delużjoni u qtigħ il-qalb. Ġieli nħossuna nitilfu l-fidi. Kif norbot dawn l-esperjenzi ta' delużjoni mal-fidi Nisranija tiegħi? X'tista' tagħtini l-fidi f'dawn il-mumenti diffiċili?
- M'għandna l-ebda ħjiel meta se jiġi jżurna Kristu fit-tieni miġja tiegħu, imma nemmnu li rridu niltaqgħu miegħu fil-glorja. Xi tfisser għalija bħala Nisrani meta nistqarr li Ġesù għandu jerġa' jiġi fil-glorja? Kif ngħix dan iż-żmien ta' stennija għal-laqgħa tiegħi mal-Mulej?

29 ta' Novembru

It-Tnejn fl-Ewwel Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 2:1-5 Il-Mulej jiġma' l-ġnus kollha fis-sliem tas-saltna ta' Alla għal dejjem.

Salm 121(122):1-2,3-4a,4b-5,6-7,8-9 Immorru ferħana f'dar il-Mulej.

Mt 8:5-11 Għad jiġu ħafna mil-Lvant u mill-Punent u joqogħdu fis-saltna tas-Smewwiet.

VERS KERIGMATIKU

Iż 2:4 U huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor, u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam ġlied

Dawl sliem/paċi

RIFLESSJONI

Fil-Mulej, il-popli kollha jsiru familja waħda u jirbħu d-differenzi ta' bejniethom. L-ewwel kapitli tal-profeta Iżaija juru l-istat deplorevoli (dlam) tal-poplu ta' Sijon/Ġerusalemm. Il-poplu li tilef is-sens tiegħu qiegħed fi stat ta' dlam... u jasal il-profeta (dawl): "...għad togħla fuq il-qċaċet tal-muntanji...". Issa ż-żmien li l-popli kollha magħqudin ifaħħru lill-Mulej! Il-viżjoni li l-ġnus kollha jingħaqdu fuq il-muntanja Sijon tagħti tama ta' żminijiet isbaħ minn dawk tal-preżent, fejn ir-rebħa tal-Jum ta' Jaħweh għad tasal. Għaliex il-bnedmin ikkonvertiti, imġedda, jibdlu x-xwabel tagħhom (opri ta' dlam, ħsara, deni lill-oħrajn...) fi mnieġel għall-ħsad tal-qamħ (opri tajbin u ta' ġid lill-oħrajn...). Ejjew inkunu strumenti tad-dawl, ta' tjieba fir-relazzjoni tagħna mal-oħrajn.

Il-Kelma llum issir il-ġudizzju tal-bniedem/tal-poplu. Il-konverżjoni li tipproponilna l-Kelma tal-Liturġija tal-lum, kemm bħala individwi u kemm bħal komunità Nisranija, nistgħu nesperjenzawha wara riflessjoni serja fuq il-ħajja tagħna llum.

Għalhekk, ejjew infittxu:

- smigħ aktar u aħjar tal-Kelma mxandra f'dan iż-żmien,
- spazju għal riflessjoni personali,
- għajnuna u attenzjoni għall-bżonn ta' min huwa fil-qrib tagħna (familja, ambjent tax-xogħol, komunità parrokkjali...).

"Għad jiġu ħafna mil-Lvant u mill-Punent fis-Saltna tas-Smewwiet... u joqogħdu fuq il-mejda ma' Abraham". F'kull persuna, anki jekk "pagana" (iċ-Ċenturjun), hemm it-tajjeb. Il-kapaċità li nilmħu t-tajjeb fl-oħrajn tgħinna nirbħu d-diffidenzi u nibnu flimkien proġett komuni.

Iċ-Ċenturjun *fittex* lil Ġesù, meta s-soltu hu Kristu li jfittex lill-midinbin/in-nagħġa l-mitlufa; *sema'* u wera fiduċja f'Ġesù. Il-Poplu ta' Alla għandu rwol importanti fl-*għaqda fost il-popli*, bħall-Knisja llum! Ġesù baqa' mistagħġeb bil-fidi taċ-Ċenturjun. Lil dawk li ma jiġux il-knisja aħna ħafna drabi nqisuhom *barranin*, imbegħdin. Iżda jista' jagħti l-każ li dawn huma mbegħdin mir-reliġjon forsi minħabba nuqqas ta' xhieda tajba min-naħa tagħna, aħna "l-Insara fil-qrib".

MISTOQSIJIET

- Meta jiena nipproklama l-Kelma (il-Qari) waqt il-Liturġija, inħossni strument ta' dawl lill-ġemgħa miġbura fil-knisja? L-assemblea tara fija persuna ta' għaqda jew ta' firda fil-komunità?
- Kemm inħossni mdawwal meta nisma' l-Kelma pproklamata waqt il-Liturġija? Meta nisma' l-Qari waqt il-quddiesa nħoss stedina biex inġedded ħajti? Il-Kelma kemm tgħinni biex nersaq lejn ħuti fil-komunità, speċjalment lejn dawk li ma tantx naqbel magħhom?
- Jekk jiena nagħmel parti minn xi għaqda, fil-grupp tiegħi għandi atteġġjamenti ta' 'trouble maker'? Kemm inħossni "strument ta' paċi" bil-kliem tiegħi?

30 ta' Novembru
Festa ta' Sant'Andrija, Appostlu

QARI

Rum 10:9-18 Il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ permezz tax-xandir tal-kelma ta' Kristu.
Salm 18:2-5 Mal-art kollha jasal leħinhom.
Mt 4:18-22 Minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh.

VERS KERIGMATIKU

Rum 10:15 Kemm huma sbieħ riġlejn dawk li jħabbru l-ġid!

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam egoiżmu
Dawl altruwiżmu

RIFLESSJONI

Waħda mill-isfidi kbar li qamu fost l-ewwel Insara kienet jekk is-salvazzjoni ta' Ġesù kenitx għall-bnedmin kollha jew għal-Lhud biss li kienu saru dixxipli ta' Ġesù. L-ewwel Insara kienu minn fost il-poplu Lhudi. Dawn kienu jħossuhom ipprivileġġjati li Ġesù sejħilhom għal warajh, imma wħud minnhom sabuha diffiċli jaċċettaw fil-komunità Nisranija lil min ma kienx Lhudi, prattikament il-bqija tal-popli li kienu msejħa b'mod ġeneriku "Griegi" jew "pagani". Fil-lingwaġġ tal-lum ngħidu li kienu jiddiskriminaw u kienu razzisti. Uħud mill-ewwel Lhud-Insara riedu u kienu jippretendu li, biex il-popli Griegi jiġu aċċettati bħala Nsara u jipparteċipaw fis-salvazzjoni, l-ewwel "isiru Lhud", jiġifieri jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni u josservaw id-drawwiet reliġjużi tal-Lhud. U minkejja dan, xorta jibqgħu ta' klassi inferjuri. Bla ma jafu, dawn l-Insara kienu qed iġibu fix-xejn il-ġrajja tas-salvazzjoni ta' Kristu; kienu qed idgħajfu l-qawwa rebbieħa tas-salib, li neħħiet il-ħitan tal-mibegħda li kienu jifirdu l-bnedmin u għamlet mill-bnedmin ilkoll aħwa fi Kristu (ara Mt 23:8).

San Pawl kien strumentali biex jgħallem li għal Alla m'hemmx differenzi biex poplu u ieħor, għax "hu s-Sid ta' kulħadd u għani ma' dawk kollha li jsejħulu" (Rum 10:12). Anzi, quddiem l-imħabba ta' Kristu jispiċċaw id-differenzi li jirrendu l-bnedmin mhux indaqs: "Issa m'hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù" (Gal 3:28). Mhux għax m'hemmx differenzi bejnietna, imma għaliex id-differenzi ma jfissrux li wieħed hu aħjar jew ikbar mill-oħrajn, jew li xi ħadd għandu dinjità inqas jew aktar minn ħaddieħor minħabba l-qagħda soċjali jew in-nazzjonalità tiegħu jew tagħha.

Kull min isir dixxiplu ta' Ġesù, hu min hu u hi min hi, jeħtieġ iħaddan l-istess viżjoni u l-istess sentimenti ta' Alla, jiġifieri qalb miftuħa għal kulħadd, li tilqa' lil kulħadd u ma twarrab lil ħadd: "Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom?... U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed?" (Mt 5:46-47). Id-dixxiplu ta' Ġesù ma jistax jingħalaq fid-dinja żgħira tiegħu u jeskludi lill-oħrajn; ma jistax jirsisti biss għall-interess tiegħu, jew tal-grupp żgħir tiegħu, u daqshekk; ma jistax ma jurix attenzjoni lejn l-oħrajn, saħansitra lejn min iħares lejh bħala għadu (ara Mt 5:43-45). Qalb magħluqa għall-oħrajn jew li ma turix interess fl-oħrajn ma tistax tgħammar fiha l-imħabba universali ta' Alla, li jħares lejn il-bnedmin kollha bħala wliedu. Kull azzjoni ta' Alla tgħanni l-imħabba tiegħu bħala Missier u Ħallieq ta' kulħadd. Kulma għamel Alla, anki l-istess ħolqien, ixandar it-tjieba universali tal-Ħallieq. Kollox jgħanni l-qalb kbira ta' Alla. Il-ġid ta' Alla, li jidher fil-ħolqien u f'dak li kapaċi jagħmlu jdejn il-bnedmin huma u jikkoperaw mal-opra ħallieqa ta' Alla, hu għal kulħadd u mhux għal ftit. Il-ġid ta' Alla għandu min-natura tiegħu destinazzjoni universali. Min iżomm il-ġid ta' Alla għalih u ma jaqsmux mal-oħrajn, ma jkunx jirrifletti t-tjieba universali ta' Alla.

Kull min jilqa' lil Ġesù u jsir dixxiplu tiegħu jeħtieġ jiddakkar mill-imħabba ta' Alla għall-bnedmin kollha. Hekk ġralhom l-ewwel dixxipli, li ħallew kollox biex jimxu wara Ġesù u minn sajjieda tal-ħut saru sajjieda tal-bnedmin. *Ħallew kollox* ifisser li mhux biss ħallew ix-xogħol li kienu jagħmlu biex jiġu ffurmati bħala dixxipli u appostli, imma ħallew li qalbhom tiġi ffurmata skont il-qalb ta' Kristu. Hekk biss seta' jkollhom qalb ġdida, li fuqha titnaqqax il-kelma ħajja ta' Kristu (ara 2 Kor 3:3).

MISTOQSIJIET

- Id-dixxipli "minnufih telqu x-xbiek" biex imorru wara Ġesù. X'hemm jorbotni fid-dalma tal-egoiżmu u li jeħtieġli nitilqu biex nimxi fid-dawl?
- Xi Lhud Insara sabuha diffiċli jaċċettaw fil-komunità Nisranija lil min ma kienx Lhudi. Kif inħares lejn persuni oħra li huma ta' fehmiet differenti minn tiegħi, li għandhom kulur tal-ġilda differenti minn tiegħi, twemmin differenti minn tiegħi?

1 ta' Diċembru
L-Erbgħa fl-Ewwel Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 25:6-10a Sidi l-Mulej jagħmel għall-popli kollha mejda b'ikel fin u jixxotta d-dmugħ minn fuq kull wiċċ.

Salm 22(23):1-3a,3b-4,5,6 Ngħammar f'dar il-Mulej sakemm indum ħaj!

Mt 15:29-37 Ġesù fejjaq ħafna morda u qasam il-ħobż.

VERS KERIGMATIKU

Iż 25:8 Jixxotta Sidi l-Mulej id-dmugħ minn fuq kull wiċċ.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam tbatija

Dawl fejqan/wellbeing

RIFLESSJONI

It-tliet siltiet tal-Qari tal-ġurnata juru l-kuntrast bejn id-dlam u d-dawl, dak li hu ikrah u dak li hu sabiħ, it-tbatija li ssir tgawdija xħin jintervieni Alla.

L-Ewwel Qari jitkellem dwar velu li kien jgħatti wiċċ il-popli kollha. Velu jgħattilek wiċċek ifisser li ma tarax id-dawl, u allura tkun imxekkel u ma tafx fejn sejjer għax qiegħed fid-dlam. Jitkellem fuq il-mewt, fuq id-dmugħ u fuq l-għajb tal-poplu tiegħu.

X'jiġri mid-dlam, mill-mewt, mid-dmugħ u l-għajb xħin jintervieni Alla? Iżaija jgħid li jinbidlu f'mejda b'ikel fin, mejda bi nbejjed ħelwa, laħam imsemmen

bil-mudullun, u nbejjed fini. Festa ta' veru! Alla li jċarrat il-velu li kien jgħatti l-wiċċ u dan jibda jara d-dawl. Jeqred il-mewt, jixxotta d-dmugħ u jħassar l-għajb tal-poplu.

Hu Alla li jintervieni biex jieħu l-bniedem mid-dlam għad-dawl, mit-tbatija għall-ferħ, mill-mewt għall-ħajja, għax fih ikun ittama. Allura jsalvah, u jifraħ u jithenna bis-salvazzjoni li jkun ġablu.

Iżda l-bniedem jista' jaqta' qalbu. Żgur li smajtha xi darba din l-istorja...

Kien hemm raġel beda joħlom,
li kien miexi fuq ir-ramel,
għal kull pass li beda jagħmel
innota żewġ passi qabel.

Induna li kien hemm Alla
miexi qablu tul it-triq,
imma fl-aktar jum diffiċli
ħaseb li Ġesù ħallieh.

"Mulej", qallu, "għaliex wegħedtni
li tkun miegħi kullimkien,
u dakinhar li kelli bżonnok
pass tiegħek ma rajt imkien?".

Ġesù wieġbu bi tbissima,
qallu: "Veru, sewwa rajt,
imma dak kien il-pass tiegħi
għaliex lilek jien erfajt".

Is-Salm 23, wieħed mill-aktar salmi magħrufa, jitkellem dwar il-bniedem li jkun miexi f'wied mudlam. Immaġinak miexi fil-Wied tax-Xlendi, fi dlam ċappa, b'perikli ta' ilma, ġebel, ġrieden, ostakli u affarijiet oħra li bihom faċli tkorri.

Min minna fil-ħajja m'għaddiex minn mumenti ta' dlam, mard, inkwiet, imwiet ta' persuni għeżież għalina, problemi, u ma kienx jaf fejn se jagħti rasu? Imma Alla, jekk naċċettawh bħala r-Ragħaj tagħna, jieħu ħsiebna. Araw l-espressjonijiet li juża s-Salmista: "xejn ma jonqosni; f'mergħat kollha ħdura jqegħedni. Ħdejn l-ilma, fejn nistrieħ, jeħodni; hemm hu jrejjaqni. Imexxini fit-triq tas-sewwa, ma nibżax mill-ħsara. Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek, huma jwennsuni. Int tħejji mejda għalija quddiem l-għedewwa tiegħi. Biż-żejt tidlikli rasi, il-kalċi tiegħi tfawwarli".

Tfakkarni ħafna f'dik l-istorja ta' dak it-tifel li kien rieqed bil-kalma kollha waqt maltempata kbira u, xħin qam, staqsewh: "Kif ma bżajtx u mort torqod waqt maltempata qalila". It-tifel bis-sempliċità kollha wieġeb: "Ma bżajtx, għax il-kaptan missieri".

Il-Vanġelu jitkellem ukoll dwar il-kuntrast meta jintervieni Alla – zopop, għomja, magħtubin, imbikkmin, u ħafna oħrajn, li xħin qegħduhomlu f'riġlejh, hu fejjaqhom.

Iz-zopp hu dak li ma jiflaħx jasal sad-dar tiegħu jew s'għand Alla. L-agħma hu dak li għadu ma għarafx il-verità, lil Alla. Il-magħtub hu dak li mhux kapaċi jieqaf dritt u jħares f'wiċċ ħutu l-bnedmin, xbieha ta' Alla. L-imbikkmin huma dawk li mhumiex kapaċi jiddjalogaw ma' ħuthom il-bnedmin. Huma dgħufijiet tagħna li rridu nitfgħuhom f'riġlejn Ġesù ħalli hu, u hu biss, ifejjaqhom.

It-tieni parti tal-Vanġelu titkellem dwar bżonn fundamentali tal-bniedem – li jissodisfa l-ġuħ, aktar u aktar meta qiegħed f'ambjent ostili bħad-deżert tal-Palestina. Hu Alla li jipprovdi dak li bil-kejl tal-bniedem hu impossibbli... li b'seba' ħobżiet u ftit ħutiet titma' erbat elef raġel, barra n-nisa u t-tfal.

Hu Ġesù li jsejjaħ lill-Appostli u jieħu l-inizjattiva ħalli jersaq lejna. Tħassarhom – għax min iħobb, iħoss. Ġesù jfittex isolvi l-problema tal-komunità b'mezzi li diġà qegħdin fi ħdan il-komunità.

F'dan il-miraklu Ġesù ħa s-seba' ħobżiet u l-ħut (ħa dak li ngħatalu, biex ifejqu u jqaddsu), radd il-ħajr (għamel l-Ewkaristija, li tfisser ringrazzjament), qasamhom (se jagħti lura dak li rċieva wara li qaddsu, u l-istess jagħmel in-

Nisrani li jaqsam dak li għandu mal-oħrajn), u tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newluhom lin-nies.

Id-dixxiplu hu dak li jimita lill-Imgħallem tiegħu, jagħti minn dak li jkun irċieva, mhux egoist u jżomm kollox għalih. Bl-altruwiżmu nkunu qed nixbhu lil Ġesù li ta kollox għalina.

U kulħadd kiel u xaba'. Hu dak li hu ta' Alla, l-ispiritwali, li verament ixabbagħna. Dak li hu tad-dinja ma jxebbagħniex, ħlief għal ftit.

MISTOQSIJIET

- Għandna fiduċja li jekk aħna qegħdin fid-dlam, Alla se jmexxina għad-dawl? Waqt is-slaleb li niltaqgħu magħhom fil-ħajja, kapaċi jkollna fiduċja li dak li qed jiġri hu l-pjan ta' Alla għalina u nkunu konvinti li hu qed jieħu ħsiebna minkejja li ma nkunux nifhmu x'qed jiġri madwarna?
- Naqsmu mid-dlam għad-dawl meta lesti li nqassmu mal-oħrajn il-ġid li Alla pprovdielna. Insibuha diffiċli nagħmlu dan u nagħtu minn ġewwa, kif kienet tgħid Madre Tereża, *"love until it hurts"*?
- Qatt esperjenzajna l-ferħ li kapaċi jġib Alla fil-bniedem meta jafda fih u jħossu aktar liberu għax ra d-dawl? U kapaċi nibqgħu nixxennqu għal din l-esperjenza u nħeġġu l-oħrajn ħalli jduqu u jaraw kemm hu tajjeb il-Mulej?

2 ta' Diċembru
Il-Ħamis fl-Ewwel Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 26:1-6 Jidħol poplu ġust li jżomm is-sewwa.
Salm 117 1,9-9,19-21,25-27a: Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.
Mt 7:21,24-27 Min ipoġġi fil-prattika l-kelma tal-Mulej jibni fuq il-blat.

VERS KERIGMATIKU

Iż 26:4 Ittamaw fil-Mulej, għal dejjem, għax il-Mulej hu l-blata ta' dejjem.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam suppervja: nibni fuqi nnifsi/ramel
Dawl umiltà u fiduċja f'Alla: nibni fuq il-Mulej/blat

RIFLESSJONI

Ġesù jridna nagħmlu r-rieda tal-Missier li hu fis-smewwiet, li tikkonsisti fl-imħabba bejn l-aħwa. L-imħabba hija espressa f'dak li tagħmel. Hija emozzjoni li mbagħad tiddetta l-ħajja vera tiegħek u dak li tagħmel, bħalma jgħid San Ġwann: "Uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa" (1 Ġw 3:18).

Il-profeta Iżaija jgħidilna li l-belt hi sħiħa u mħarsa għax hi mibnija fuq il-blata li ma titfarrakx, li hu Alla. Is-suppervja, f'xi ħin jew ieħor, tiddgħajjef u tiġi fix-xejn. Min jibni tassew fuq il-Mulej jiggarantixxi lilu nnifsu li ma jkollux problemi ta' poter (Salm 117).

“Għalhekk, kull min jisma’ dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat” (Mt 7:24). “Dan kliemi” qed jirreferi għad-Diskors tal-Muntanja (għax din is-silta minn Mt 7:21,24-27 hi l-għeluq ta’ dan id-diskors) li nistgħu niġbruh f’“ħobb lil ħuk”; nibdew mill-maħfra tal-għadu tagħna, għall-ħbiberija ma’ ħuk, għal li noffri n-naħa l-oħra ta’ ħaddejja.

Il-fiduċja f’Alla, li nibni fuq il-blat li hu l-Mulej, ma tikkonsistix fil-ħafna kliem u prietki sbieħ, imbagħad xħin niġu għall-fatti nispiċċaw nagħmlu dak li jiftlilna u jkun jaqbel lilna. Il-Kelma għandha s-saħħa biss jekk twassal għall-azzjoni u mhux jekk tibqa’ biss kliem. Kuljum irrid nagħmel għażla ta’ kif irrid ngħix imdawwal mill-Kelma ta’ Alla li nkun smajt.

Li tħaffer il-pedamenti ta’ dar biex issib il-blat hija biċċa xogħol diffiċli u ta’ tbatija kbira. Bħalma hu diffiċli li kuljum inpoġġu fil-prattika dak li jgħidilna l-Vanġelu. Biex tħaffer pedament sod tal-fidi jitlob xogħol iebes: talb li ma jaqtax (mhux meta għandi aptit), karità u ġenerożità. Irid ikollna wkoll l-*umiltà*, għax li nħaffru l-pedament tal-ħajja spiritwali tagħna jġagħalna nħaffru fil-fond u niltaqgħu mal-agħar difetti tagħna. Il-proċess mhux faċli. Niġu wiċċ imb wiċċ mal-egoiżmu tagħna, mal-vizzji tagħna, u nneħħu l-maskra li nilbsu quddiem ħaddieħor. Mingħajr dan il-pass nirriskjaw li nibnu l-ħajja tagħna fuq ir-ramel.

Imma r-riżultat jista’ jarah kulħadd meta fil-ħajja niltaqgħu ma’ maltempati u ġrajjiet mhux mistennija: “Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarrfitx għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat” (Mt 27:25). Il-pedamenti kollha jidhru sodi meta kollox hu kalm. Temp sabiħ ma jippruvax il-qawwa tal-bini. Il-prova vera tiġi meta jqum il-maltemp. U l-istess fil-ħajja spiritwali tagħna: meta kollox ikun sejjer tajjeb ikun hemm klima ta’ paċi, imma meta jinqala’ l-inkwiet – mard, firda, qsim il-qalb, inġustizzja – hemmhekk fejn naraw is-saħħa tal-fidi tagħna. Pietru, li kien jiftaħar li kien se jibqa’ mal-Mulej – “Jekk kulħadd jitħawwad minħabba fik, jiena ma nitħawwad qatt” (Mt 26:33) – tgħallem b’mod iebes li l-kuraġġ tiegħu ma kienx dak li kien jaħseb li kellu. Abbanduna lil Ġesù fil-ġnien tal-Ġetsemani kif għamlu l-Appostli l-oħra kollha.

Hemm drabi fejn nagħmlu l-isforz biex inpoġġu fil-prattika dak li smajna fil-Vanġelu, imma nindunaw li, minkejja kollox, nerġgħu lura għal ħajja li nafdaw aktar, speċjalment meta l-affarijiet ma jmorrux tajjeb. Minn naħa jagħtik l-illużjoni li qed tibni xi ħaġa stabbli, imma l-verità hi li, hekk kif tinqala' maltempata qawwija kontrik, inti tiġġarraf għax l-affarijiet li tesperjenza jinbidlu sikwit, speċjalment f'dawk li huma lealtà u affezzjoni. "Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, u ġġarrfet; u kbira kienet il-qerda tagħha!" (Mt 7:27).

Il-ħajja tagħna hi mxebbha mal-bini tad-dar. Id-dar hija l-post fejn tgħix il-familja, l-intimità, ir-relazzjonijiet. Meta jiġu d-diffikultajiet tal-ħajja xejn ma jkun jista' jwaqqa' dak li jkun inbena fuq l-imħabba. Għalhekk, jekk bnejt fuq il-Kelma ta' Alla li hi mħabba u tħobb tassew lil ħuk billi tgħix fl-imħabba ta' Alla, allura d-dar tiegħek mhix se taqa', lanqas quddiem il-mewt, għax minn issa qed tibni l-ħajja eterna.

MISTOQSIJIET

- Xi tfisser "tkun umli"? Kif se nibni fuq il-Mulej?
- Alla huwa mħabba u jinsab preżenti fil-ħajja ta' madwarna. Bl-umiltà mill-ewwel jirnexxili ninduna bil-preżenza tiegħu. Is-suppervja ma tħallinix ninduna bih, għax nibni biss fuqi nnifsi u naf kollox lill-kapaċità tiegħi. Kemm qed jirnexxili niltaqa' miegħu fil-ħajja ta' kuljum?
- L-umiltà tgħinna nħaffru fil-fond il-pedament tal-ħajja spiritwali tagħna biex niltaqgħu mal-agħar difetti tagħna. Minn fejn se nġibu din il-qawwa biex nibdew inħaffru verament fil-fond?

3 ta' Diċembru
Il-Ġimgħa fl-Ewwel Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 29:17-24 Dakinhar għajnejn l-għomja jaraw.
Salm 26(27):1,4,13-14 Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.
Mt 9:27-31 Żewġ għomja jitfejqu għax jemmnu fil-Mulej.

VERS KERIGMATIKU

Iż 29:18-19 Dakinhar it-torox jisimgħu kliem il-ktieb; u, meħlusin mis-swied u d-dlam, għajnejn l-għomja jaraw; u l-imsejknin jifirħu fil-Mulej, u l-fqajrin fost il-bnedmin jaqbżu bil-ferħ bil-Qaddis ta' Iżrael.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam jasar
Dawl ħelsien

RIFLESSJONI

Fl-Ewwel Qari, il-profeta Iżaija jgħid lill-poplu li se jiġi l-Qaddis ta' Iżrael li jeħilsu mill-jasar u jħeġġu biex jgħix ħajja ta' libertà interjuri li tiġi mill-Kelma ta' Alla. L-istess messaġġ insibuh fis-Salm Responsorjali: "Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi". Spiss fil-ħajja tagħna jiġrilna li nkunu Isiera ta' ħsibijietna, tagħna nfusna, ta' oġġetti, ta' persuni jew tal-ġrajjiet li ngħaddu minnhom. Kull wieħed u waħda minna jista' jkun skjav ta' xi ħaġa jew ta' xi ħadd. Faċli nintelqu fid-dlamijiet ta' suppervja, mibegħda, qtigħ ta' qalb, għira, regħba u kburija.

Il-Mulej irid jeħlisna minn ħafna jasar, u għalhekk fil-Vanġelu Ġesù jistedinna biex ikollna t-tama u l-fidi fih u niftakru li Alla qatt mhu se jħallina waħedna.

Jistedinna biex nemmnu li hu ġej, nittamaw fih u nbexxqu l-bieb tal-qalb tagħna għalih. Hekk kif Ġesù ta d-dawl liż-żewġ għomja, hu jixtieq ikun id-dawl tagħna li kontinwament imexxina fil-ħajja tagħna qalb id-dlam u d-diffikultajiet tagħna. Bħal dawn iż-żewġ għomja aħna għandu jkollna fiduċja u tama li hu ġej isalvana: "Bin David, ħenn għalina!". Biex ingawdu l-ħelsien tal-Mulej irridu nemmnu u nħalluh jeħlisna tassew mix-xkiel li jżommna mjassra. Il-kapaċità ta' Ġesù li jbiddel il-mard u l-jasar tagħna fi grazzji mhijiex tant materjali, imma huma grazzji fil-moħħ, fil-qalb u fil-mod kif naffrontaw id-diffikultajiet u l-problemi li niltaqgħu magħhom fil-ħajja.

Jista' jkun li wieħed mill-aktar mumenti importanti f'ħajjitna jkun meta nħallu lil Ġesù Kristu jeħlisna u nħalluh jiltaqa' magħna. Alla hu l-Missier li jeħlisna u jieħu ħsiebna, li jaf minn xiex għaddejjin u x'qed inħossu. Kull min jiltaqa' ma' Ġesù u l-Kelma tiegħu jinbidel għall-aħjar u jirċievi l-ħelsien, il-ħajja u l-ħajja bil-kotra.

Għalhekk ilkoll kemm aħna rridu nagħmlu dan l-isforz kontinwu biex il-Kelma ta' Alla tkellimna, jiġifieri sservina ta' dawl biex niksbu l-veru ħelsien. Is-smigħ tal-Kelma bil-mod il-mod ineħħi minna l-jasar u jibni fina libertà sħiħa.

Ejjew nitolbu lill-Mulej jagħtina t-tama ta' ħelsien li tant għandna bżonn u ejjew bħal dawk iż-żewġ għomja nġeddu l-fiduċja fih. Nitolbuh ma jħalliniex nitilfu d-dawl u ngħixu fid-dlam. Hu qiegħed magħna u qatt mhu se jħallina waħedna fil-jasar tagħna, għax hu l-uniku għajn tal-ħelsien tagħna. Ejjew tassew niltaqgħu ma' Ġesù u nħalluh ibiddel il-jasar tagħna fi ġnien.

MISTOQSIJIET

- Jista' jiġri li fil-qalb tiegħi hemm ħafna ħsibijiet li qed iżommuni fil-jasar. Nista' nieqaf ftit u nitlob lill-Mulej biex jagħtini l-grazzja li niltaqa' miegħu u jeħlisni mill-jasar tiegħi?
- Qed inħalli lill-Kelma ta' Alla ddawwalni biex nara x'inhu l-jasar tiegħi?
- Liema hu l-agħar jasar li nista' naqa' fih?
- Kemm hi kbira l-fiduċja tiegħi f'Ġesù li jista' jaqlagħni minn xi forma ta' jasar?

4 ta' Diċembru
Is-Sibt fl-Ewwel Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 30:19-21,23-26 Il-Mulej iħenn għalik mal-ħoss tal-għajta tiegħek.

Salm 146(147):1-2,3-4,5-6 Alla ġust hu l-Mulej; henjin dawk li jafdaw fih.

Mt 9:35–10:1,6-8 Ra n-nies u tħassarhom.

VERS KERIGMATIKU

Iż 30:19 Il-Mulej iħenn għalik mal-ħoss tal-għajta tiegħek, malli jisimgħek jagħtik widen.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam dnub

Dawl maħfra

RIFLESSJONI

Spiss, anki jekk forsi mimlija bl-aħjar intenzjonijiet, aħna niżbaljaw... b'mod partikolari fil-konfront ta' għajrna: fid-dar, fuq ix-xogħol u forsi anki fil-gruppi tal-parroċċa. Kultant lanqas biss nindunaw, kultant nindunaw imma nargumentaw li għandna raġun u nibqgħu għaddejjin, u kultant tant jiddispjaċina li nsibuha diffiċli li naħfru lilna nfusna. Imma, f'dawn il-każijiet kollha, Alla jaħfrilna! Kif iħobb jgħid il-Papa Franġisku, Alla ma jegħja qatt jaħfer! Alla jaħfrilna dejjem u jaħfrilna kollox!

Hekk kif iddur lejh, "il-Mulej iħenn għalik mal-ħoss tal-għajta tiegħek, malli jisimgħek jagħtik widen" (Iż 30:19b) u jaħfirlek. Mhux biss. Imma permezz tal-Kelma tiegħu "jinfaxxa l-ġrieħi tiegħek" u jisimgħu widnejk kliem li jwissik

u jgħidlek: "Din hi t-triq; għaddi minnha" (Iż 30:21a). Kemm hi esperjenza sabiħa l-maħfra; l-imħabba b'xejn, mingħajr kundizzjonijiet!

Spiss, anki forsi mingħajr ma jkunu jridu, l-oħrajn jonqsu lilna. Iweġġħuna u kultant, b'reazzjoni naturali, aħna nordmu l-weġgħa tagħna fir-rabja. Aktar ma tkun kbira l-weġgħa, aktar ikun hemm it-tentazzjoni li nagħlqu qalbna għalihom u naqtgħuhom 'il barra minn ħajjitna. Imma dan żgur ma jġibx il-paċi f'qalbna. Mill-banda l-oħra, konxji tal-maħfra, tal-imħabba b'xejn li aħna kontinwament nirċievu mingħand Alla, aħna msejħin biex inkunu strumenti ta' maħfra u mħabba.

Meta għażilhom bħala ħaddiema għall-ħsad tiegħu l-Mulej lid-dixxipli tahom l-ordni: "Fejqu l-morda, qajmu l-mejtin, fejqu l-lebbużi, keċċu x-xjaten. B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu" (Mt 10:8). Aħna wkoll dixxipli tiegħu, mela aħna wkoll imsejħin biex nagħmlu dan. Forsi mhux fiżikament... imma ma nkunux infejqu u nagħtu l-ħajja mill-ġdid, lilna nfusna u lil għajrna, u ma nkunux inbiegħdu l-ħażen minna meta naħfru u nerġgħu ningħaqdu flimkien? Għax aħna wkoll: b'xejn ħadna l-imħabba ta' Alla, u b'xejn għandna nagħtuha!

MISTOQSIJIET

- Alla jaħfrilna dejjem u kollox. Kif nista' ngħixhom aħjar il-mumenti penitenzjali tal-quddiesa?
- Il-Mulej iwissina u jgħidilna: "Din hi t-triq: għaddi minnha". X'nista' nagħmel biex inħalli l-Kelma ħajja ta' Alla turini liema triq għandi nieħu fid-deċiżjonijiet ta' kuljum u fir-relazzjonijiet tiegħi mal-oħrajn?
- Alla għandu fiduċja fina. X'nista' nagħmel biex is-servizz li nagħti fil-parroċċa u lill-komunità jkun tweġiba għas-sejħa li qed jagħmilli l-Mulej biex ngħin jien ukoll fil-ħsad tiegħu?

AVVENT 2

5 ta' Diċembru
It-Tieni Ħadd tal-Avvent

QARI

Baruk 5:1-9 Alla għad juri sbuħit Ġerusalemm lid-dinja.
Salm 125(126):1-2ab,2ċd-3,4-5,6 Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!
Fil 1:4-6,8-11 Kunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu.
Lq 3:1-6 Il-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla.

VERS KERIGMATIKU

Lq 3:6 Il-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla!

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam ilbies tal-vistu
Dawl ilbies tal-glorja

RIFLESSJONI

L-għajta tal-Avvent, l-għajta tal-Knisja f'Għawdex illum, fiż-żmien tat-tħejjija għall-Pjan Pastorali, hija dik ta' Ġwanni l-Battista li jikkwota lill-profeta Iżaija: "Ħejju t-triq tal-Mulej", għax il-Mulej Ġesù ġej... *Maranatha*! Alla dejjem inqeda b'sinjali ċari biex iwassal il-messaġġ tal-imħabba tiegħu. Hekk għamel tul it-Testment il-Qadim biex iħabbar il-miġja tal-Messija, is-Salvatur Ġesù Kristu, u hekk għadu jagħmel fi żmienna, it-Testment il-Ġdid, permezz tal-Knisja. Dan kollu kien u għadu jistieden lill-bnedmin biex jaqraw is-sinjali taż-żmien.

Kif jiġi, u meta jiġi? Jew diġà ġie u qiegħed fostna? Irridu nkunu konxji li r-relazzjoni tagħna mal-Mulej tikkonsisti filli jkollna esperjenza kontinwa fil-laqgħa tagħna miegħu, kemm fuq livell personali u kemm fuq livell komunitarju, permezz tal-Knisja, il-komunità Nisranija... Għandna bżonn ta' *eżami tal-kuxjenza* serju fuq x'tip ta' Nsara aħna, biex ikollna l-kuraġġ li ngħaddu mid-dlam tagħna għad-dawl ġdid tal-Mulej. Il-ħajja tagħna bħala Nsara hija li aħna ngħixu f'għaqda kontinwa mal-Mulej, li kollox jgħaddi mil-

lenti, mill-ottika tal-Vanġelu li huwa l-Kelma ħajja ta' Alla. Hija mixja kontinwa li matulha dejjem ngħaddu mid-dlam għad-dawl. Mhux hekk ifakkarna l-profeta Iżaija fl-Ewwel Qari tal-lum: "Neħħi minn fuqek, Ġerusalemm, ilbies il-vistu u n-niket tiegħek, u ilbes għal dejjem id-dija tal-glorja ta' Alla"?

Jekk inkunu mdawlin mit-tagħlim ta' Kristu, il-ħajja tagħna tkun dejjem ġdida, mimlija b'sens veru ta' serenità, anki f'sitwazzjoni ta' tbatija. It-tagħlim tal-Vanġelu mhux biss irridu nisimgħuh, imma ngħixuh fir-relazzjoni tagħna magħna nfusna u mas-sitwazzjoni li fiha nkunu: "Għax Alla jmexxi lil Iżrael ferħan b'dawl il-glorja tiegħu, imsieħba mill-ħniena u l-ġustizzja ħierġa minnu". Hekk smajna fl-Ewwel Qari. L-għaqda ma' Kristu hija għajn ta' kuraġġ biex dejjem inkunu f'mixja ta' tiġdid, kif kienu qalbhom maqtugħa u delużi d-dixxipli ta' Għemmaws meta Ġesù staqsiehom: "X'intom tgħidu bejnietkom?".

Kif inħejju t-triq tal-Mulej? It-triq tal-Mulej hija *dak* il-mod kif ngħixu l-ħajja tagħna magħġuna fil-mentalità ta' Kristu, jiġifieri kull azzjoni u għażla tagħna jkunu mibnijin fuq valuri evanġeliċi. Dan jidher diffiċli, imma almenu nħallu l-Ispirtu ta' Alla jaħdem fina! Inħallu lil Alla jmexxina bid-dawl u l-imħabba tiegħu, għax *bih* u *fih* nistgħu nagħmlu meravilji... Niftakru dak li qalilna San Pawl fit-Tieni Qari: "U jien dan nitlob, li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bl-għerf u b'kull dehen biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu".

Hemm bżonn li l-għoljiet tas-suppervja jew il-kburija tagħna nniżżluhom fl-umiltà u fis-sempliċità tal-ħajja ta' kuljum fir-relazzjonijiet mal-oħrajn! Kemm tkun ħaġa sabiħa li nkunu fuq it-triq it-tajba (it-triq id-dritta) tal-imħabba u ta' solidarjetà mal-proxxmu tagħna! Kieku l-vojt (widien) bla sens f'qalbna u moħħna jimtela bl-għerf tal-Kelma ta' Alla, aktarx inkunu dawl għal ħutna fil-komunitajiet tagħna!

MISTOQSIJIET

- L-għażliet li qed nagħmel bħalissa huma tħejjia għat-triq tal-Mulej Ġesù li ġej?
- Qiegħed infittex l-għajnuna tal-komunità tiegħi (parroċċa jew grupp/komunità żgħira) fejn turini d-"dlamijiet" tiegħi u tgħinni biex insib id-"dawl"?

6 ta' Diċembru
It-Tnejn fit-Tieni Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 35:1-10 Alla ġej biex isalvakom.
Salm 84(85):9ab-10,11-12,13-14 Alla ġej biex isalvana.
Lq 5:17-26 Rajna ħwejjeġ tal-għaġeb illum!

VERS KERIGMATIKU

Iż 35:1 Ħa jifirħu d-deżert u l-art maħruqa; ħa jifraħ ix-xagħri u jwarrad, ħa jwarrad bħar-ranġis.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam deżert
Dawl ġnien

RIFLESSJONI

L-istennija u l-wasla tal-Mulej huma għejun kbar ta' tama għax il-Mulej ġej biex isalva u mhux biex jikkundanna! Għax it-tjieba ta' Alla, li dejjem hu qrib il-bniedem, għandha effett kożmiku: tittrasforma l-bnedmin u l-ambjenti vitali tagħhom (bħar-relazzjonijiet individwali u soċjali). Jekk il-qalb ħażina tal-bniedem kapaċi tagħlaq bieb, daqshekk ieħor it-tjieba ta' Alla u tal-bnedmin tista' tiftaħ bieb ieħor għas-salvazzjoni.

Il-Kelma ta' Alla fil-Liturgija tal-lum turina li fejn hemm il-veru smigħ ta' din il-Kelma ħajja, id-dlam tagħna jinbidel f'dawl ġdid, kif id-deżert jitbiddel fi ġnien! *Il-qawwa tal-imħabba ta' Alla* timla l-qalb imnikkta tal-bniedem b'ferħ indsekrivibbli u tagħti s-saħħa lil kull irkoppa mriegħda... Il-profeta Iżaija jfakkarna li din il-preżenza ta' Alla fl-istorja ta' kull bniedem kapaċi tiftaħ

għajnejn l-għomja, tagħmel li t-torox jisimgħu, iz-zopop jaqbżu bħaċ-ċriev, l-imbikkma jgħajtu bil-ferħ... għax ikun hemm triq qaddisa li fiha jimxu dawk kollha li jittamaw fil-wasla tal-Mulej. Min għandu għal qalbu l-istennija tal-miġja tal-Mulej f'ħajtu jsib is-sens ta' kull sitwazzjoni li fiha jkun jinsab. Hekk sab ruħu l-mifluġ imqiegħed quddiem Kristu minn sħabu li kienu jemmnu fil-qawwa ta' Ġesù. Ġesù, xħin ra l-fidi ta' dawk li kienu jġorru l-mifluġ, ħafirlu d-dnubiet tiegħu. Il-fidi tal-komunità Nisranija timla b'kuraġġ lil dawk kollha li jħallu lilhom infushom jiġu mmexxija u mdawla minn din ix-xirka tal-aħwa li hi l-Knisja. Għax il-fidi tagħmilna Knisja li tagħraf id-dgħufija tagħha u fl-istess ħin tgħinna nemmnu fil-ħniena u l-maħfra ta' Alla l-Missier.

Il-Pjan Pastorali li qed toffri l-Knisja f'Għawdex huwa din il-grazzja providenzjali ta' tiġdid tal-fidi tagħna. Importanti li nieħdu bis-serjetà dan iż-żmien ta' eżerċizzju ta' għarfien li aħna lkoll mistiedna li nagħmlu f'dan iż-żmien liturġiku tal-Avvent, billi npoġġu lilna nfusna quddiem il-Kelma ta' Alla li l-Knisja stess toffrilna. U ma nħallux it-tradizzjonijiet jew id-drawwiet tagħna tal-imgħoddi jfixkluna milli nħallu l-Ispirtu tal-Mulej jaħdem fina bil-qawwa tal-imħabba tiegħu.

MISTOQSIJIET

- Fis-sitwazzjoni konkreta li ninsab fiha llum, naħseb, jew aħjar nemmen, li tista' tidbiddel għall-aħjar?
- Jiena nagħmel parti mill-Knisja. Kemm inħoss li l-komunità Nisranija hija dik il-qawwa li twassalni biex inkun aktar qrib il-Mulej?
- L-Avvent huwa żmien ta' stennija tal-Mulej. Nemmen li l-preżenza tal-imħabba ta' Alla hija verament fija għaliex il-Mulej ġej biex isalvani?

7 ta' Diċembru
Tifkira ta' Sant'Ambroġ, Isqof u Duttur tal-Knisja

QARI

Iż 40:1-11 Alla jfarraġ il-poplu tiegħu.
Salm 95(96):1-2,3,10aċ,11-12,13 Sidi l-Mulej ġej bil-qawwa.
Mt 18:12-14 Alla ma jridx li jintilef wieħed minn dawn iż-żgħar.

VERS KERIGMATIKU

Iż 40:2 Kellmu lil qalb Ġerusalemm u għidulha li ntemm il-jasar tagħha.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam it-triq tat-telfien
Dawl it-triq tas-salvazzjoni

RIFLESSJONI

L-istudjużi tal-Bibbja jaqblu li l-ktieb tal-profeta Iżaija hu fil-verità magħmul minn tliet partijiet distinti miktuba f'epoki differenti u miġburin bħala ktieb wieħed taħt l-istess isem tal-profeta Iżaija, li għex fis-seklu 8 QK. It-tliet taqsimiet huma kapitli 1-39, kapitli 40-55, u kapitli 56-66. It-tieni parti tal-ktieb tittratta ż-żmien tal-eżilju fil-Babilonja jew l-ewwel żmien wara l-eżilju meta l-poplu Lhudi ġie meħlus mill-eżilju u seta' jirritorna f'art twelidu. L-eżilju tal-poplu Lhudi fil-Babilonja seħħ fis-sena 587 QK, meta s-suldati tas-sultan tal-Babilonja farrku l-belt ta' Ġerusalemm u kissru t-Tempju (ta' Salamun). Il-parti kbira tal-popolazzjoni ġiet meħuda l-Babilonja, fl-Iraq tal-lum. Tħallew f'Ġerusalemm u fil-Lhudija l-aktar foqra u dgħajfa fost il-poplu biex jieħdu ħsieb ir-raba' (2 Slat 24:8–25:30; Ġer 39; 52). Il-poplu Lhudi dam eżiljat fil-Babilonja sas-sena 538 QK, meta s-Sultan Ċiru tal-Persja, li rebaħ fuq il-Babiloniżi (539 QK), kien ta l-libertà lil-Lhud imjassra biex jerġgħu lura f'arthom u jibnu mill-ġdid il-belt u t-Tempju ta' Ġerusalemm.

Is-silta ta' Iżaija tiftaħ it-tieni parti tal-ktieb tal-profeta Iżaija, imsejjaħ it-Tieni Iżaija jew id-Dewtero-Iżaija. Din il-parti tal-ktieb hi msejħa "l-ktieb tal-faraġ", għaliex il-profeta jimla bil-faraġ u t-tama lill-poplu Lhudi mjassar fil-Babilonja. Il-profeta jħabbar li dalwaqt jintemm żmien il-jasar u Alla ma jdumx ma jreġġa' l-poplu Lhudi mill-Babilonja lejn art twelidu, l-Art Imwiegħda. Maħfra u ħelsien jesprimu s-sentimenti ta' Alla lejn il-poplu tiegħu. Minkejja l-ħażen tal-passat, li minħabba fih, bħal ħaxix niexef, il-poplu Lhudi spiċċa fil-jasar, Alla ma jwarrabx il-midneb, imma joffrilu mill-ġdid imħabbtu li ssalvah. Bħal fil-ħolqien, Alla jerġa' jonfoħ in-nifs tal-ħajja fil-poplu mejjet fl-eżilju (Eżek 37). Il-profeta jħabbar il-miġja ta' Alla bħall-miġja ta' wieħed qawwi li joħroġ rebbieħ; bħal ragħaj li jieħu ħsieb il-merħla u jwassalha fil-mistrieħ. Quddiem il-wegħda tal-ħelsien jeħtieġ għalhekk li wieħed jipprepara t-triq: hi t-triq il-kbira fid-deżert li minnha tgħaddi l-glorja ta' Alla u minnha jirritornaw l-eżiljati f'art twelidhom. Din it-triq, li fiha jiltaqgħu Alla u l-bniedem, issir stil ta' ħajja, jew ħajja tajba jew ħajja ħażina, fil-konfront ta' Alla u tal-proxxmu.

Quddiem din l-aħbar tas-salvazzjoni li hi fil-qrib, is-Salmista jinfexx f'innu ta' tifħir lil Alla. Min fit-triq ta' ħajtu jiltaqa' mal-imħabba ta' Alla, ifaħħar it-tjieba ta' Alla. Tant hu kbir dan il-ferħ li jikkoinvolġi saħansitra l-ħolqien.

Ix-xbieha ta' Alla ragħaj-ħellies tal-poplu tiegħu li nsibu fl-Ewwel Qari tieħu tifsira aktar sħiħa fis-silta tal-Vanġelu, fil-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa. Ġesù jinqeda bix-xbieha tar-ragħaj li jmur ifittex in-nagħġa li tkun intilfitlu u jagħmel festa meta jsibha biex ifisser il-qalb ta' Alla fil-konfront tal-midneb. Kulħadd jista' f'xi ħin jew ieħor jitlef it-triq jew joħroġ minnha. Imma Alla ma jabbandunax il-bniedem fit-triq tat-telfien. Anki jekk persuna taqbad it-triq tal-ħażen u titbiegħed minn Alla, Alla joħroġ ifittex lil min jitbiegħed minnu biex jagħtih l-imħabba tiegħu (Lq 15:20). Għad li Alla ma jrid lil ħadd jintilef, tibqa' l-libertà tal-bniedem li jista' jirrifjuta l-imħabba.

MISTOQSIJIET

- Isbaħ issuq karozza fi triq tajba milli fi triq mimlija ħofor. Kif niddeskrivi t-triq ta' ħajti bħalissa, u għaliex?
- Alla ma jabbużax mil-libertà tagħna: iħallina nagħżlu kif nixtiequ. Kif qed ngħix il-libertà tiegħi fil-konfront ta' Alla u ta' dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjon?

8 ta' Diċembru
Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni

QARI

Ġen 3:9-15,20 Innissel mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u bejn nisilha.

Salm 97:1-4 Għannu lill-Mulej għanja ġdida, għax għamel l-għeġubijiet!

Efes 1:3-6,11-12 Għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba.

Lq 1:26-38 Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek.

VERS KERIGMATIKU

Lq 1:30 Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam biża' minn Alla
Dawl fiduċja f'Alla

RIFLESSJONI

X'tifsira għandha s-Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni? Tlett itfal kienu qegħdin jilagħbu fuq pont. Kienu fit-tarf u mifxulin. Raġel kien għaddej minn hemm u kellu intuwizzjoni li t-tfal kienu se jaqgħu fl-ilma maħmuġ li kien hemm fix-xmara taħt il-pont. Pront mar jiġri, u lit-tifla rnexxielu jżommha xħin kienet qed taqa', u hekk ma ċċappsitx bl-ilma maħmuġ. Iżda ż-żewġ subien waqgħu fl-ilma. Ir-raġel malajr qabeż għalihom u salvahom. It-tlieta kellhom bżonn is-salvazzjoni. Lil waħda salvaha qabel

ma waqgħet, lit-tnejn l-oħra wara li waqgħu. Il-Festa tal-lum hi proprju dan: Alla lil Marija ma ħallihiex taqa'; lilna 'ħalliena' naqgħu, iżda salvana xorta waħda.

Bejn l-Ewwel Qari mill-Ġenesi u l-Vanġelu minn San Luqa għandna kuntrast interessanti fejn l-ewwel bniedem jgħid le lil Alla, u wara jibża' minnu; Eva l-ġdida tgħid "Iva, ikun minni skont kelmtek" lil Alla. Marija kienet mimlija bil-fiduċja f'Alla.

Meta Adam qal il-'le' lil Alla, staħba għax ittenda li ma kienx obda l-ordni li kien irċieva u kiser il-fiduċja li kien tah Alla. Ħass sens ta' ħtija u mistħija u ma riedx li Alla jarah. Meta xi ħadd jistaħba, imur f'post moħbi, possibbilment fid-dlam, u mhux f'post imdawwal, ħalli jekk jista' jkun ma jarah ħadd.

Iżda Alla jfittxu u jistiednu joħroġ għad-dawl billi jirrikonoxxi l-iżball li għamel. Meta l-bniedem jammetti li żbalja, anki jekk forsi jipprova jiskolpi ruħu billi jwaħħal f'ħaddieħor, Alla jwiegħed is-salvazzjoni.

Marija kienet l-ewwel persuna li qalet iva lil Alla. Permezz ta' dik l-iva Marija saret Omm Alla, Ġesù bniedem bħalna, biex aħna l-bnedmin stajna ngħidu li Ġesù hu ħuna fl-umanità. Marija tirrappreżenta l-umanità l-ġdida, il-Knisja u kull wieħed minna. Jekk Marija hi Ommna, aħna wliedha u rridu nkunu bħalha: ngħidu iva għall-Kelma tal-Vanġelu.

Marija ma kenitx biss persuna. Kienet ukoll persunaġġ – jiġifieri tirrappreżenta lil xi ħadd: lill-umanità kollha. Fil-figura ta' Marija naqraw l-istorja tagħna. Inħarsu lejn dan mill-ottika ta' Alla, li jixtieq jikkomunika magħna. Mil-bidu tal-ħolqien, Alla jfittex lil Adam u jistaqsih fejn qiegħed. Xtaq jippassiġġa miegħu fil-ġnien tal-Għeden, għax Alla hu mħabba u ħalaq lill-bniedem għall-imħabba. Alla jfittex lil min iħobb.

Interessanti ż-żewġ verbi li juża Luqa fir-rakkont tal-Vanġelu. Fil-bidu jgħid li l-Anġlu Gabrijel "daħal għandha" u jagħlaq ir-rakkont "u l-anġlu telaq". Daħal għandha għax ħallietu jidħol. Alla lilna jfittixna; jiddependi minna jekk inħalluhx jidħol jew le.

Żgur li smajtu xi darba b'dik il-pittura ta' Ġesù jħabbat bieb. Ħbieb il-pittur qalulu li l-pittura kienet sabiħa iżda kien fiha difett. Il-pittur kien nesa l-ħabbata. Iżda l-pittur weġibhom li kien għamel hekk apposta. Għax dak il-bieb kien jirrappreżenta l-qalb tagħna. Alla jħabbat fuq il-bieb ta' qalbna, iżda jiddependi minna jekk niftħux jew le.

Is-Salm ifakkarna li Alla hu fidil, u mhu se jonqos qatt mit-tjieba tiegħu. Il-fedeltà ta' Alla ssir motiv ta' ferħ, għax iġġedded il-bniedem u timlieh bit-tama.

Li għidna jfakkarhulna wkoll San Pawl fl-Ittra lill-Efesin. Jgħidilna li aħna ddestinati li nkunu ulied adottivi ta' Alla. Anki jekk il-bniedem itebba' l-ġmiel tiegħu bil-ħażen, min jittama fi Kristu m'għandux għax jibża'. Alla stess hu li jidħol għalina, basta nħallulu l-bieb miftuħ.

MISTOQSIJIET

- Għaliex Ġesù qal: "Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jagħmluha"?
- Kemm aħna disposti li bħal Marija ngħidulu: "Hawn hu l-qaddej tiegħek", u xi jġiegħel lill-bniedem li lil Alla daqqa jgħidlu le meta jaf li suppost jgħidlu iva, u daqqa jagħlaqlu l-bieb flok jiftaħhulu?
- Kemm aħna perswaži li Alla lilna jħobbna bi mħabba tal-ġenn, li Alla hu l-uniku Salvatur tagħna, anki meta forsi nkunu mdawra b'ċirkostanzi li ma nifhmuhomx?

9 ta' Diċembru
Il-Ħamis fit-Tieni Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 41:13-20 Jien il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael!
Salm 144(145):1,9,10-11,12-13ab Il-Mulej twajjeb u ħanin.
Mt 11:11-15 Ħadd ma qam akbar minn Ġwanni l-Battista.

VERS KERIGMATIKU

Iż 41:17 Jiena, il-Mulej, nismagħhom. Jiena, Alla ta' Iżrael, ma ninsihomx.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam vjolenza li ġġib qerda
Dawl imħabba li ssalva

RIFLESSJONI

Ġwanni l-Battista kien il-ħabs, u Ġesù jfaħħru u jgħid li hu l-akbar fost kulħadd. Għaliex huwa l-akbar? Ġwanni l-Battista ma jiggranfax mal-affarijiet ta' din id-dinja, m'għandu xejn. Iċedi kollox. Huwa għandu din il-libertà eċċezzjonali li jintelaq f'idejn Alla, u għalhekk huwa l-akbar bniedem.

Il-Battista huwa dak li ma jibżax jistaqsi: "Int min int?". Ġwanni l-Battista lest li jilqa' lil Ġesù kif inhu, kif jippreżenta lilu nnifsu. Il-kobor tal-bniedem huwa li jistaqsi lilu nnifsu mistoqsija u jfittex tweġiba.

Ġwanni l-Battista huwa x-xbieha perfetta ta' dawk li jħabbru lil Ġesù, imbagħad iwarrbu biex l-oħrajn ikunu jistgħu jiltaqgħu ma' Ġesù. Kull wieħed u waħda minna, meta nxandru l-Vanġelu, għandna nżommu f'moħħna li ċ-ċentru tat-tħabbira tal-Aħbar it-Tajba huwa preċiżament il-laqgħa mal-Mulej. Ħafna drabi naħsbu li rridu nkunu aħna li nagħmlu xi ħaġa, li rridu nsalvaw lill-oħrajn. Aħna diġà salvati. Aħna msejħin biss biex irressqu n-nies lejn Ġesù, nippuntaw subgħajna lejn Ġesù bħalma għamel il-Battista. Il-bqija nħalluh f'idejn il-Mulej.

"B'danakollu l-iżgħar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet huwa akbar minnu". Hawn Ġesù ma jridx iċekken lill-profeta, imma jgħid biss li fis-Saltna tas-Smewwiet il-kriterju tal-kobor huwa ieħor: kbir hu dak li jħobb lill-proxxmu tiegħu, li jgħix l-ispirtu tal-Beatitudnijiet, dak li hu ġwejjed, ħanin, ma jiġġudikax u jiġġieled għall-ġustizzja. Raġunar li nqaleb fid-dinja tal-lum.

Hekk naqraw fl-Ewwel Qari: Iżrael ukoll kien poplu żgħir, insinifikanti ħdejn l-imperi kbar ta' żmienu. Hu sar l-għodda f'idejn Alla biex tasal is-salvazzjoni lill-bnedmin. Il-ħażen tal-bniedem ma jista' qatt jirbaħ fuq il-pjan tal-imħabba ta' Alla.

Bil-predikazzjoni tal-Battista jibda perjodu ta' vjolenza (Ġwanni stess sofra minn din il-vjolenza) li se jkollu l-qofol tiegħu billi jsallbu lil Ġesù: *l-akbar manifestazzjoni ta' vjolenza ssir l-akbar manifestazzjoni ta' mħabba*. Minn fuq is-salib Ġesù jiġbed lid-dinja kollha lejh għax l-imħabba msallba teħlisna. San Pawl lir-Rumani qalilhom: "Tħallux li l-ħażin jirbaħkom, iżda irbħu l-ħażin bit-tajjeb" (12:21). It-tajjeb hu b'saħħtu aktar mill-ħażin, għalkemm il-ħażin jidher aktar.

"Min għandu widnejn ħa jisma'!" (Mt 11:15). Is-Saltna tas-Smewwiet hija għal dawk li jirraġunaw bħal Ġesù mingħajr biża' jew qtigħ il-qalb; għal dawk li għandhom widnejn biex jisimgħu, widnejn il-qalb li jafu jaraw il-preżenza ta' Alla u d-diversi 'Ġwanni l-Battista' li jindikawha.

MISTOQSIJIET

- Li tkun ma'... hija x-xewqa l-iktar profonda tal-imħabba, hija l-unika ħaġa li jimporta. L-imħabba ta' Alla narawha fil-maxtura ta' Betlehem u tilħaq il-qofol tagħha fi Kristu msallab. X'qiegħed nagħmel biex nirċievi din l-imħabba u nwarrab il-vjolenza li hemm fin-natura tiegħi li ġġib il-qerda?
- Kif qed nuża ż-żmien tal-Avvent biex nirfina l-widnejn ta' qalbi u nara sinjali tal-preżenza ta' Alla f'ħajti?
- X'qed nistennew fil-Milied jekk mhux li l-Mulej jiġi u jibqa' magħna! Huwa jidħol fil-ħafna Ġwannijiet li jakkumpanjawna f'din il-ħajja. Min huma l-'Ġwanni l-Battista' fil-ħajja tiegħi?

10 ta' Diċembru
Il-Ġimgħa fit-Tieni Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 48:17-19 Li kieku tajt widen għall-kmandamenti tiegħi!
Salm 1:1-2,3,4,6 Min jimxi warajk, Mulej, ikollu d-dawl tal-ħajja.
Mt 11:16-19 La minn Ġwanni u lanqas minn Bin il-bniedem ma jridu jisimgħu.

VERS KERIGMATIKU

Iż 48:17 Jien ngħallmek għall-ġid tiegħek, u nqabbdek it-triq fejn għandek timxi.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam libertinaġġ
Dawl il-ħarsien tal-Kelma ta' Alla

RIFLESSJONI

Fl-Ewwel Qari l-profeta Iżaija jgħid lill-poplu ta' Iżrael li l-Mulej jgħallmu kif għandu jgħix: "Jien hu l-Mulej, Alla tiegħek, jien ngħallmek għall-ġid tiegħek u nqabbdek it-triq fejn għandek timxi". Min jimxi fid-dawl ta' kelmet il-Mulej hu żgur li ma jiżbaljax u ma joħroġx mit-triq tas-sewwa. Id-dawl tal-fidi jolqot mhux biss il-ħajja spiritwali imma wkoll jiggwidana u jagħtina d-direzzjoni t-tajba f'dak kollu li nagħmlu, sew fix-xogħol, studju u divertiment.

Fis-Salm Responsorjali nsibu l-istess messaġġ: "Min jimxi warajk, Mulej, ikollu d-dawl tal-ħajja". Min iħares il-Kelma ta' Alla hu "bħal siġra li tagħmel il-frott fi żmienha" għax l-għeruq tagħha huma "ħdejn nixxigħat tal-ilma".

Il-Vanġelu jippreżenta lil Ġwanni l-Battista li kellu l-kapaċità li jħalli lil Alla jiggwidah f'ħajtu, iħalli l-Kelma ta' Alla tinżel f'qalbu u tittrasforma ruħha fl-attitudnijiet tiegħu. In-nies ta' żmien Ġesù baqgħu indifferenti għas-sejħat ta' Alla. Huma ma laqgħux is-sejħa ta' konverżjoni li għamel Ġwanni l-Battista bi kliem iebes u baqgħu ibsin f'qalbhom anki quddiem il-kliem ta' Ġesù li kien mimli ħlewwa: "Daqqejnielkom il-flawt u ma żfintux, għannejnielkom in-niket u ma bkejtux". Din l-istess kelma qed tistieden lilna biex nagħtu spazju lil Alla biex jibdilna. Il-Mulej qed jistedinna biex il-Kelma li nisimgħu nippruvaw inpoġġuha fil-prattika. Fil-ħajja tagħna aħna kapaċi nġibu ħafna skużi biex il-Kelma ta' Alla ma tibdilniex.

Il-bniedem li jixtieq jgħix fid-dawl, irid jgħix il-Kelma ta' Alla. Il-Kelma ta' Alla tagħtina ħajja ġdida u tbiddilna. Alla jħallina fil-libertà biex nagħmlu dak li nixtiequ. Lil dawk li jilqgħuh, jagħtihom is-setgħa li jitwieldu mill-ġdid bħala wlied Alla, isibu l-iskop u l-ideal ta' ħajjithom, it-tama u l-paċi.

Aħna ħafna drabi ngħixu ta' mitlufa, donnu fil-ħajja xejn ma jaqtgħalna l-aptit u xejn ma jimliena. Għalhekk nibqgħu nfittxu iżjed pjaċir materjali bit-tama li fl-aħħar inkunu kuntenti, iżda minkejja dan xorta nibqgħu nħossu l-vojt. Dan ifisser li l-affarijiet materjali kollha li għandna mhumiex biżżejjed biex inħossuna kompluti. Santu Wistin għadda minn din l-esperjenza ta' tfittxija u jgħid: "Inti għamiltna għalik, o Alla, u l-qalb tal-bniedem ma ssibx mistrieħ jekk mhux fik".

Il-Mulej biss jista' jagħtina l-grazzja li nitbiegħdu minn ħajja ta' libertinaġġ u fuq kollox jagħtina l-konverżjoni tal-qalb li aħna nagħrfuh bħala Alla li jħobbna. Alla huwa d-dawl li jdawwal postijiet mudlama. Huwa biss meta nimxu qrib Alla fid-dawl li l-qalb verament tkun ferħana fil-ħajja.

MISTOQSIJIET

- Kif qed inpoġġi l-Kelma ta' Alla fil-prattika u nħalliha tbiddel l-attitudnijiet tiegħi?
- Kif qed inħalli l-Kelma ta' Alla tkun ta' gwida fil-ħajja tiegħi?
- Għandi fiduċja f'Alla li hu biss jista' jagħtini l-ferħ veru?
- Wara xiex qed niġri biex nipprova nsib il-ferħ?

11 ta' Diċembru
Is-Sibt fit-Tieni Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Sir 48:1-4,9-11 Elija jerġa' jiġi.
Salm 79(80):2aċ,3b,15-16,18-19 Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti.
Mt 17:10-13 Elija ġa ġie, u huma baqgħu ma għarfuhx.

VERS KERIGMATIKU

Sir 48:1 Kelmtu kienet taqbad bħal ħuġġieġa.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam apatija/bruda
Dawl ħeġġa għal Alla

RIFLESSJONI

Il-qari tal-Liturġija tal-lum ilaqqagħna ma' Elija, profeta setgħan f'għemilu u mħeġġeġ fi kliemu tant li "kelmtu kienet taqbad bħal ħuġġieġa" (Sir 48:1). Elija hu mxebbah ma' nar divin, mimli ħeġġa u żelu għal Alla. Ħadem biex jimla bl-istess ħeġġa għal Alla l-ħaj lill-poplu ta' Iżrael, li spiss kien imur ifittex jagħti qima lil allat oħra. Hekk ġara fi żmien is-Sultan Aħab, li mkaxkar minn martu Ġeżabel, ċaħad lill-Mulej u beda jadura, flimkien mal-poplu Lhudi, lill-alla Bagħal.

Elija, imqanqal mill-Ispirtu, mhux biss widdeb lis-Sultan, u ħabbarlu tliet snin ta' nixfa, iżda saħansitra sfida lill-poplu u lill-450 saċerdot tal-alla Bagħal u "beda jiddieħak bihom u jgħidilhom: 'Għajtu b'leħen ogħla, għax

tassew hu alla: għandu mnejn jinsab imħasseb, jew imħabbat, jew imsiefer; inkella rieqed, ħa jistenbaħ'" (1 Slat 18:27), meta, bit-talb u ż-żfin quddiem l-altar imtella' lil Bagħal, ma rnexxilhomx ikebbsu n-nar taħt l-offerta. Meta mbagħad Elija talab: "'Mulej, Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Iżrael, uri llum li inti Alla fost Iżrael, u li jiena l-qaddej tiegħek, u li dan kollu għamiltu għall-kelma tiegħek'... niżel nar mingħand il-Mulej, u ħaraq il-vittma, u l-ħatab, u l-ġebel, u t-trab" (18:36b,38).

Iżda Elija kien ukoll dak il-profeta li minkejja dawn l-għeġubijiet kollha, minkejja li Alla kien urieh il-qawwa tiegħu u li qiegħed miegħu, spiss inħakem minn biża' kbir. Għex mumenti ta' skuraġġiment qawwi u apatija kbira. Ħarab u saħansitra wasal biex "talab li jmut" (1 Slat 19)! Imma l-Mulej mexa miegħu mat-triq, kien isostnih bil-ħobż u l-ilma u, meta nħeba fl-għar fuq il-muntanja Ħoreb, f'żiffa ħelwa "waslitlu l-kelma tal-Mulej u qallu: 'Hawn x'inti tagħmel, Elija?'". U Elija tkellem mal-Mulej... u qalbu reġgħet tħeġġet, u dar lura u kompla ħidmietu!

L-istorja ta' Elija għandha tfakkarna biex kull darba li f'ħajjitna nitilfu s-sens ta' direzzjoni, naqtgħu qalbna jew nitilfu l-entużjażmu, immorru lura bi ħsiebna, b'qalbna u b'talbna għaż-żmien tal-bidu... għal kif bdiet dik l-esperjenza li nkunu qed ngħixu. Dan jista' jgħodd għar-relazzjonijiet fil-familji tagħna, għall-ħidma li nwettqu, għall-volontarjat li nagħmlu... f'mumenti ta' qtigħ il-qalb, ta' bruda jkun hemm bżonn li nerġgħu niskopru r-raġunijiet li fil-bidu mmotivawna, l-entużjażmu li forsi maż-żmien bired sforz id-drawwa. Ikun hemm bżonn li nagħmlu tagħna t-talba tas-Salmista: "Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti" (80:4). Biex nagħmlu dan, jista' jkollna bżonn l-għajnuna ta' xi ħadd li jiggwidana. Jista' jkun hemm ukoll il-bżonn li nagħtu skop ġdid, motivazzjoni ogħla lill-azzjonijiet tagħna. Jekk, bħal Elija, noqogħdu attenti għas-smigħ tal-Kelma, niftakru li m'aħniex waħedna, li Alla qiegħed magħna dejjem, jieħu ħsiebna, jinkuraġġina, idawlilna t-triq, u li permezz tagħna kapaċi jwettaq l-opri tiegħu.

MISTOQSIJIET

- Il-Mulej staqsa lil Elija: "Hawn x'inti tagħmel, Elija?". X'inhuma l-motivazzjonijiet li minħabba fihom qed nattendi f'dan il-grupp jew qed nagħti dan is-servizz fil-parroċċa? Kif nista' nagħtihom sinifikat ogħla?
- Elija kien mimli ħeġġa għal Alla. X'nista' nagħmel biex ir-relazzjoni tiegħi ma' Alla tikber dejjem aktar?

AVVENT | 3

12 ta' Diċembru
It-Tielet Ħadd tal-Avvent

QARI

Sof 3:14-18 Minħabba fik il-Mulej jithenna b'hena kbir.
Iż 12:2-3,4bċd,5-6 Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael.
Fil 4:4-7 Il-Mulej qorob.
Lq 3:10-18 U aħna, x'għandna nagħmlu?

VERS KERIGMATIKU

Lq 3:15 Il-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam sens ta' telqa
Dawl sens ta' stennija u ferħ

RIFLESSJONI

F'dan it-Tielet Ħadd tal-Avvent il-Liturġija tistedinna biex inkunu ferħana aħna u nistennew il-miġja ta' Ġesù. Dan iż-żmien ta' tħejjija jrid ikun mhux biss għall-Festa tal-Milied, imma għandna ngħixu ħajjitna kollha bħala stennija bit-tama fil-laqgħa tagħna ma' Ġesù fi tmiem din id-dinja.

Fl-Ewwel Qari l-profeta Sofonija jgħid lill-poplu biex jifraħ. Il-motiv tal-ferħ ta' Iżrael u ta' Ġerusalemm ġej mill-fatt li Alla se jkun mill-ġdid is-Sultan f'nofs il-poplu tiegħu, wara li ntemmu l-għedewwa ta' Iżrael li kienu jassruh. Is-Salm Responsorjali huwa wkoll għanja ta' ferħ, għax il-Mulej jinsab f'nofs il-poplu tiegħu. Fit-Tieni Qari San Pawl mill-ġdid iħeġġiġna biex nifirħu għax il-Mulej iħobbna, jaħfrilna u jħenn għalina l-ħin kollu.

Fil-Vanġelu Ġwanni l-Battista jurina dan il-ferħ li d-dinja kien ilha eluf ta' snin tistenna. F'dak iż-żmien il-poplu Lhudi kien qed jistenna b'ħerqa kbira l-miġja ta' dak li kellu jiġi. Kulħadd kien isaqsi lil Ġwanni jekk kienx hu l-Messija. Il-Battista stqarr li mhux hu kien u qalilhom li l-Messija kien f'nofshom iżda m'ġħarfuhx. Meta Ġwanni l-Battista kien qiegħed jagħmel il-Magħmudija tiegħu għall-indiema bi tħejjija għal Kristu, ġew ħdejh tliet kategoriji ta' nies u staqsewh: "X'għandna nagħmlu?". Lin-nies komuni Ġwanni jgħidilhom biex jaqsmu mal-oħrajn minn dak li għandhom, lill-pubblikani qalilhom biex ikunu onesti u ma jisirqu lil ħadd, filwaqt li lis-suldati qalilhom biex jużaw il-poter b'mod tajjeb. Dawn it-tliet twissijiet jgħoddu għalina lkoll: il-ġid tad-dinja, il-poter u l-flus mhumiex ir-riċetti tal-ferħ.

Jekk irridu li l-ferħ tagħna jibqa', jeħtieġ li nżommu lil qalbna u moħħna ffukati fuq Kristu: "Ifirħu dejjem fil-Mulej". M'hemm l-ebda ħaġa oħra li nistgħu nifirħu biha dejjem. Kollox jinbidel fid-dinja u dak li jferraħna llum għada jista' jdejjaqna, imma l-Mulej biss jibqa' l-istess u ma jinbidilx. Aħna l-Insara ma rridux nagħtu importanza żejda lill-ħwejjeġ tad-dinja. Huwa biss meta hemm ħafna fidi u mħabba ġejja minna li jista' jkun hemm ferħ kotran: "Alla tat-tama jimliekom b'kull ferħ u sliem intom u tafdaw fih". Ġesù għandu jkun importanti fil-ħajja tagħna u għandu jkun l-aqwa mgħallem tagħna fuq kollox u fuq kulħadd. Hemm bżonn li niftħu għajnejna u nqumu mit-telqa tagħna. L-interess tagħna fil-Knisja m'għandux ikun marbut biss mal-purċissjonijiet u mat-tiżjin tal-knejjes, iżda hemm bżonn li nersqu ta' spiss lejn is-sagramenti, nieħdu sehem fil-quddies u nimpenjaw ruħna fil-laqgħat. Is-sigriet tal-ferħ jgħallimhulna Ġesù stess: meta tinsa lilek innifsek u tfittex li taqdi l-bżonnijiet tal-oħrajn.

MISTOQSIJIET

- Kif qiegħed nipprepara ruħi għat-tieni miġja ta' Ġesù?
- Qiegħed naħdem biex ikolli l-veru ferħ?
- X'qiegħed ifixkilni milli nikseb il-ferħ f'ħajti?

13 ta' Diċembru
It-Tnejn fit-Tielet Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Num 24:4-16 Għad titla' kewkba minn Ġakobb.
Salm 24:4-9 Triqatek, Mulej, għarrafni
Mt 21:23-27 Il-magħmudija ta' Ġwanni minn fejn kienet ġejja?

VERS KERIGMATIKU

Num 24:4,16 Mixħut għarkupptejh, jinfetħu għajnejh.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam sens ta' pika
Dawl sens ta' kollaborazzjoni

RIFLESSJONI

Min iħares lejn Alla bħallikieku qed jikkompeti miegħu, la jista' jifhem u lanqas jaċċetta l-verità ta' Alla. Alla mhux f'kompetizzjoni mal-bniedem, imma jrid isir kumpann tiegħu fil-ħajja.

Il-misteru ta' Alla, jew aħjar l-imħabba bla qies tiegħu, tista' tiġi aċċettata minn dawk ta' qalbhom safja, għax min hu umli jara lil Alla f'kollox, b'mod partikolari f'kull sitwazzjoni tal-ħajja. Il-Poplu ta' Alla fit-Testment il-Qadim, meta kien konxju tal-Preżenza qawwija ta' Alla fostu, kien jiġbed il-grazzji kollha fuqu għax kien ikun l-Għamara ta' Jaħweh. Madankollu l-Profeti kienu dejjem iħabbru lill-Poplu biex iħares 'il quddiem għal żminijiet aħjar, għax għad jiġi l-Messija.

Fl-Ewwel Qari mill-Ktieb tan-Numri, Balgħam kien imħallas biex jisħet lil Iżrael, iżda quddiem it-tqanqil ta' Alla spiċċa profeta ta' barka. Il-bniedem jista' jilqa' l-misteru ta' Alla biss meta jinżel għarkupptejh f'att ta' qima u adorazzjoni. Tassew, "min jitbaxxa, jitgħolla", kif, aktar 'il quddiem, qalilna Sidna Ġesù Kristu.

Il-ħażen ta' madwarna jista' jtellifna "s-sabiħ" li hemm fina. Meta, fil-ħajja tal-komunità, inkunu mhedda minn kritika distruttiva, pika bejnietna, biża' mill-kastig ta' Alla; meta nkunu kkundizzjonati mir-rabta żejda ma' tradizzjonijiet 'banali' u ħafna affarijiet bħal dawn, faċli jintilef is-sens ta' tama fil-miġja tal-Mulej fostna. Meta, imbagħad, ikollna s-sens ta' smigħ tal-Kelma ta' Alla u r-rieda tajba li nikkollaboraw mal-Knisja fit-tagħlim tagħha, allura jkollna moħħna u qlubna mdawlin bil-verità ta' Alla.

Il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu, għax qalbhom u moħħhom kienu marbutin iżżejjed mat-tradizzjonijiet ta' missirijiethom, ma setgħux jifhmu u jaċċettaw il-qawwa awtorevoli ta' Kristu, kemm fit-tagħlim tiegħu u kemm fl-azzjonijiet u l-mirakli tiegħu. Il-miġja tal-Messija hija dejjem orjentata lejn it-tiġdid tal-mentalità skont it-tħabbira tal-Vanġelu. Dan ovvjament jgħodd għalina llum. Għalhekk, irridu napprofittaw minn dan iż-żmien providenzjali tal-Pjan Pastorali li qed tipproponi d-Djoċesi tagħna.

MISTOQSIJIET

- Il-fidi tagħna twassalna biex ngħixu fil-grazzja ta' Alla. L-istennija tal-Mulej fi żmienna qed inħossuha bħala stedina biex niġġeddu fil-fidi u nikbru fl-imħabba?
- Ħafna drabi aħna nħossu li kollox huwa sewwa fil-ħajja Nisranija. Kemm aħna lesti biex inħallu warajna ċerti "drawwiet reliġjużi" biex nagħtu aktar spazju f'qalbna għad-dawl tat-tagħlim tal-Vanġelu?
- L-attivitajiet tal-parroċċa (quddies, laqgħat, attivitajiet soċjali, servizzi...) li fihom nieħu sehem qed iwassluni biex nara lil Kristu aktar qrib tiegħi?

14 ta' Diċembru
Tifkira ta' San Ġwann tas-Salib, Duttur tal-Knisja

QARI

Sof 3:1-2,9-13 Is-salvazzjoni li jġib miegħu l-Messija titwiegħed lill-popli kollha.
Salm 33(34):2-3,6-7,17-18,19,23 Dan il-fqajjar sejjaħ u l-Mulej semgħu.
Mt 21:28-32 Ġie Ġwanni, u l-midinbin emmnuh.

VERS KERIGMATIKU

Sof 3:12 Inħalli f'nofsok poplu umli u mċekken.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam il-ħażen tal-poplu
Dawl il-ħniena ta' Alla

RIFLESSJONI

Il-profeta Sofonija għamel xi żmien jgħix fil-belt ta' Ġerusalemm. Hu juri li jaf kif inhi mqassma l-belt, jaf il-klassijiet soċjali, jaf ukoll id-drawwiet ta' dawk li kienu jgħixu madwar is-sultan, u jaf l-abbużi mwettqa mis-sinjuri. Aktarx li Sofonija kien hu wkoll parti mill-klassi aristokratika. Hu jikkritika l-prinċpijiet ta' Ġerusalemm u lil dawk li jduru fil-palazz tas-sultan. Aktarx jagħti dan il-ġudizzju minħabba l-perverżjoni morali u s-sekularizzazzjoni li kien waqa' fiha l-poplu fi żmien is-Sultan Manassi, lejn nofs is-seklu 7 QK. Il-Bibbja ssejjaħ is-Sultan Manassi bniedem tassew ħażin li għamel il-ħażen f'għajnejn il-Mulej: Manassi "għamel kemm felaħ ħażen f'għajnejn il-Mulej, tant li nkurlah sewwa" (2 Slat 21:6). Quddiem tant ħażen soċjali u morali, Sofonija jipprietka li għad jasal "jum il-Mulej", jum

li fih il-Mulej jiġi biex jagħmel ġudizzju u jikkastiga l-ħżiena. Il-kastig ħafna drabi kien jinftiehem bħala gwerra qerrieda minn xi għadu. Minkejja dan il-ġudizzju ta' qerda, Sofonija jisħaq li mhux il-poplu kollu se jinqered, imma Alla jsalva fdal mill-poplu biex jerġa' jibni poplu ġdid mingħajr ħażen u għelt.

Fl-ewwel żewġ versi tas-silta li għandna fl-Ewwel Qari, il-profeta Sofonija jistqarr li l-belt ta' Ġerusalemm ma tatx widen għal kliem il-profeti, la fittxet lil Alla u anqas ma laqgħet il-konverżjoni. Hi belt mgħarrqa fl-inġustizzji soċjali li ħonqu kull sens reliġjuż mis-soċjetà. Bil-mod ta' kif kien jgħix il-poplu, Alla ma kienx għadu jagħmel parti mill-ħajja tagħhom. Il-poplu ma kienx għadu jinteressah minn Alla. Imbagħad Sofonija jistqarr li, minkejja dan il-ħażen kollu, Alla jwiegħed li jirrestawra mhux biss lill-poplu ta' Iżrael imma lill-popli kollha tad-dinja biex iduru mill-ġdid lejn il-Mulej Alla tagħhom. F'dak "il-jum" li fih jiġi l-Mulej, ħadd ma jibqa' jistħi mill-passat midneb tiegħu, għax Alla jġedded il-bnedmin fil-qalb tagħhom u jibdew jemmnu u jafdaw f'Alla.

Is-Salm jagħmel enfasi fuq "il-foqra tal-Mulej", jiġifieri dawk li jafdaw f'Alla u jintelqu f'idejh. Is-Salmista jistqarr li Alla jagħti kas tat-talba u tal-karba tal-fqajrin u jsalvahom fl-hemm tagħhom.

Il-fdal tal-poplu li jemmnu fil-Mulej u li dwarhom jitkellem il-profeta Sofonija, fis-silta tal-Vanġelu jsiru "l-pubblikani u n-nisa tat-triq", simbolu tal-midinbin tad-dinja, li, għad li pubblikament kienu meqjusa bħala nies midinba, emmnu fil-kliem ta' Ġwanni l-Battista u ħallew il-kelma tiegħu tibdlilhom ħajjithom. B'differenza, il-Fariżej, li kienu jqisu lilhom infushom bħala nies ġusti u tajba u li josservaw il-liġi ta' Alla, ma laqgħux il-kelma ta' Kristu biex jikkonvertu. Anzi, bosta ħaduha kontra tiegħu. Dan Ġesù jfissru permezz ta' parabbola żgħira tal-missier li kellu żewġ ulied u talabhom it-tnejn biex imorru l-għalqa. Wieħed wieġeb li se jmur iżda ma mar xejn; l-ieħor, għall-ewwel issuppervja, iżda mbagħad obda minn missieru u mar jaħdem fl-għalqa tad-dwieli. Dan l-iben tal-aħħar jirrappreżenta l-midinbin li jikkonvertu. Għax Alla hu tassew ħanin u twajjeb mal-midinbin li jilqgħu s-sejħa tiegħu. Iżda minħabba s-suppervja u l-arroganza tagħhom, il-Fariżej ma setgħux jifhmu u anqas jaċċettaw kif Ġesù seta' jitħabbeb mal-midinbin u jiġbidhom lejh. Lill-Fariżej Ġesù qisu qed jgħidilhom li huma lil

Alla bil-kliem biss kienu jobduh għax qalbhom kienet 'il bogħod minn Alla. Meta l-midneb iħalli lil qalbu tintmess mill-ħniena ta' Alla, il-midneb jibdel ħajtu għall-aħjar. Iżda min jidhirlu li m'għandux bżonn jikkonverti, jaqa' fl-ebusija tal-qalb, u hemmhekk diffiċli tinfed il-ħniena ta' Alla.

MISTOQSIJIET

- Aktar faċli naraw x'għandu jinbidel fis-soċjetà ta' madwarna milli fina nfusna. Fejn inħoss li għandi ninbidel?
- Bosta jaħsbu li s-soċjetà tagħna qed twarrab lil Alla. Dan minnu? Għaliex u kif qed jiġri dan?
- Meta nqerru, ngħidu l-Att tal-Indiema li fih nagħtu kelma li nitbiegħdu mid-dnub. Xi jfisser għalija s-sagrament tal-Qrar?

15 ta' Diċembru
L-Erbgħa fit-Tielet Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 45:6b-8,18,21b-25 Qattru, smewwiet, mill-għoli.
Salm 84(85):9ab-10,11-12,13-14 Qattru, smewwiet, mill-għoli, u jraxxax is-sħab il-ġustizzja.
Lq 7:19-23 Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu.

VERS KERIGMATIKU

Iż 45:22 Duru lejja mill-ġdid, truf kollha tal-art, u intom tkunu salvi, għax jien hu Alla, u ma hemm ħadd ħliefi!

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam f'min nafdaw l-istorja ta' ħajjitna?
Dawl Kristu hu l-iskop ta' ħajjitna

RIFLESSJONI

Tifla żgħira u missierha kienu qed jaqsmu minn naħa għall-oħra tax-xmara minn fuq pont. Il-missier beża' u staqsa lil bintu: "Għażiża tiegħi, żommli jdejja ħalli ma taqax fix-xmara". Iżda hi qaltlu: "Le, pa, inti żommli idi". "X'differenza tagħmel?", kien pront staqsa l-missier. "Hemm differenza kbira", weġbitu t-tifla. "Jekk jien inżommlok idek u tiġri xi ħaġa lili, il-probabbiltà hi li jien niftaħ idi u naqa'. Imma, jekk iżżommli idi int, jien ċerta li, jiġri x'jiġri, int qatt ma titlaqli idi".

Il-profeta Iżaija jfakkarna li bis-setgħa tiegħu ta' ħallieq, Alla jinqeda bil-ġrajjiet tad-dinja biex iwettaq il-ġustizzja u s-salvazzjoni. Kull ġrajja ssir stedina biex il-bnedmin u l-popli jersqu lejn Alla u jsiru strumenti f'idejh

għas-salvazzjoni tal-umanità. Tixbah lix-xita li tinżel fuq l-art u tnissel il-ħajja. Iżaija jfakkarna diversi drabi li Alla tagħna hu l-uniku Alla u li ma jippermettix li xi ħadd jeħodlu postu. Hu l-unika għajn tal-ġid tagħna. U l-bniedem fih biss għandu jafda.

Is-Salmista jgħidilna li Alla hu Ħallieq u jieħu ħsieb il-ħolqien tiegħu. Mela kemm aktar u aktar jieħu ħsieb il-bniedem! Għal min ifittxu, Alla hu dejjem fil-qrib biex jagħti s-salvazzjoni.

Il-Vanġelu jirrakkonta l-istorja ta' meta Ġwanni l-Battista, li kien fil-ħabs, bagħat lil xi dixxipli tiegħu biex jistaqsu lil Ġesù jekk hu kienx il-Messija mistenni u mwiegħed mill-profeti jew le. Ġesù jwieġeb bl-għemil u mhux bil-kliem. Jgħidilhom: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu; kif l-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, il-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u kif il-bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar".

Ġesù ried juri biċ-ċar li s-Saltna tiegħu mhix waħda ta' poter iżda ta' ħniena. Ġesù mhux is-*superman* li ħa jsolvi kull problema tagħna, iżda dak li jagħti sens lil kulma jiġri f'ħajjitna.

Is-saltna miftuħa għal kulħadd, kemm Lhud u barranin, kemm għal dawk li jemmnu u kemm għal dawk li ma jemmnux, kemm dawk li huma twajba u kemm jekk huma midinba.

L-istennija ta' Ġwanni l-Battista hi wkoll l-istennija tagħna. Ħafna drabi nħarsu lejn Ġesù u nistennew minnu s-soluzzjonijiet għall-problemi tagħna, li jgħinna nirrealizzaw il-ħolm ta' ħajjitna u kważi nippretendu li Ġesù għandu jagħmel dak li nitolbu aħna, meta fir-realtà huwa aħna li rridu ninbidlu biex nagħmlu dak li jixtieq minna Ġesù.

Ġesù dejjem jisma' t-talb tagħna. Imma mhux bilfors jagħtina dak li nixtiequ aħna, għax hu jagħtina dak li hu jaf li hu l-aħjar għalina.

Għalhekk nafdaw ħajjitna f'idejh, għax il-ħolm u x-xewqat tagħna nwettquhom verament mhux f'din id-dinja, imma fil-preżenza tiegħu għall-eternità fid-dinja ta' wara din.

MISTOQSIJIET

- In-Nisrani kapaċi jibqa' jkollu fiduċja f'Ġesù anki meta ma jkunx jifhem x'qed jiġri madwaru, jew meta mgħobbi b'mard, inkwiet jew problemi oħra?
- Jekk nemmu li Ġesù hu l-veru sors tal-ġid tagħna, xi tkun ir-reazzjoni tagħna meta naħsbu li Alla ma semax it-talb tagħna? Tkun waħda ta' rabja u diżappunt, jew rassenjazzjoni għax nemmnu li Alla jagħtina dak li f'għajnejh hu l-aħjar għalina?
- Ġesù jista' jkun ta' tfixkil għal dak il-bniedem li ma jifhimx jew ma jaċċettax li jgħix it-triq li ried jurina. Min-naħa l-oħra, Ġesù jista' jkun id-dawl, it-triq u l-bieb għall-bniedem. L-għemejjel tagħna x'jgħidulna fuq it-triq li qbadna f'ħajjitna? L-għażla fundamentali li nsegwu lil Ġesù għamilnieha?

16 ta' Diċembru
Il-Ħamis fit-Tielet Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 54:1-10 Bħal mara mitluqa sejjaħlek il-Mulej.
Salm 29(30):2,4,5-6,11-12a,13b Ngħollik, Mulej, għax erfajtni.
Lq 7:24-30 Ġwanni hu l-messaġġier li jħejji triq il-Mulej.

VERS KERIGMATIKU

Iż 54:10 Jistgħu jitħarrku l-muntanji, jitheżżu l-għoljiet, imma mħabbti minn miegħek ma titħarrikx.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam tradiment
Dawl fedeltà

RIFLESSJONI

Is-silta tal-lum minn Iżaija tgħinna niskopru l-imħabba ta' Alla lejn Iżrael li hi mxebbha mal-imħabba ta' għarus li jiżżewweġ lill-maħbuba tiegħu. Ġerusalemm tidher abbandunata u bla wlied (għax meħudin fil-jasar), imma Alla, kif ta wlied lil nisa li ma setax ikollhom tfal (fil-ġrajjiet tal-Patrijarki), hekk se jagħti wlied lill-poplu tiegħu. Il-poplu mhux se jinqered u jiġi fix-xejn. Anki jekk il-poplu warrab lil Alla, Alla hu fidil, u ma jwarrabx il-poplu tiegħu. Imma l-poplu jrid jemmen li Alla jista' jagħmel dan.

Ir-rabja jew il-kastig ta' mument jinbidlu fi mħabba mimlija ħniena u rieda tajba, fl-impenn ta' mħabba eterna, ikkonfermata b'ġurament: "Anki jekk il-muntanji jitħarrku u l-għoljiet jitheżżu, l-imħabba tiegħi ma titħarrek qatt".

Il-Kelma ta' Alla hija dejjem attwali u hija indirizzata lil kull wieħed u waħda minna fid-diversi sitwazzjonijiet tal-ħajja. Aħna sterili meta ħajjitna tgħix 'il bogħod minn Alla, mill-grazzja tiegħu.

F'kull żmien Alla jibgħat il-messaġġiera tiegħu, bħall-Battista, biex permezz tagħhom ikun qrib il-poplu tiegħu u jżomm fihom it-tama tas-salvazzjoni.

Il-Vanġelu qed jitlobna nagħmlu l-għażla deċiżiva u qawwija li naċċettaw il-proposta ta' Ġwanni l-Battista, u għalhekk aħna wkoll nidħlu fit-Triq li ġie jipprepara. Is-silta ta' Luqa tgħinna nidħlu fi djalogu qawwi ħafna u konfront personali ma' Ġesù. Għax hu, bil-mistoqsijiet u l-affermazzjonijiet tiegħu, iqiegħed il-ħajja spiritwali tagħna quddiem għajnejna: il-medda ta' triq li forsi diġà għandna u dik it-triq li għad fadal quddiemna. Irid jgħinna nsiru konxji ta' dak li ġara ġewwa fina, billi jimbuttana biex nagħmlu għażliet dejjem aktar awtentiċi u prattiċi. Ġesù jistedinna biex nagħmlu pass importanti: inneħħu l-ħwejjeġ tagħna bħala spettaturi ("Xi ħriġtu taraw...?") u ninvolvu ruħna bis-sħiħ billi naċċettaw li nagħmlu fina nfusna triq li nkunu sinċerament disponibbli għall-vuċi ta' Alla.

Wara li ħriġna u "rajna", il-Mulej jitlobna biex "ngħaddsu lilna nfusna", bħal fil-Magħmudija, fl-ilmijiet tal-maħfra u naċċettaw il-Missier. Dawk li "għarfu li Alla huwa ġust" huma għal darb'oħra l-kolletturi tat-taxxa, il-midinbin, jiġifieri dawk li umilment jitolbu maħfra lill-Missier u jħallu lilhom infushom ikunu "mgħaddsa" u involuti bis-sħiħ fl-imħabba tiegħu. Min-naħa l-oħra, "il-pjan ta' Alla huwa għalxejn" għal dawk li jsibuha bi tqila biex jitħarrku mill-pożizzjonijiet tagħhom, mill-mod ta' ħajja kif jgħixu, u jibqgħu spettaturi tal-ħajja spiritwali tagħhom bħalma għamlu l-Fariżej u l-kittieba.

MISTOQSIJIET

- Hu faċli li nimtlew b'entużjażmu reliġjuż xħin nisimgħu xi mużika sabiħa gospel jew niġru wara xi predikatur tajjeb. Imma dawn huma kollha għalxejn jekk ma nifhmux li dan kollu jrid iwassalna biex inpoġġu l-fiduċja tagħna f'Ġesù biss. X'qed nagħmel biex ma nibqax biss spettatur?
- "Anki jekk il-muntanji jitħarrku u l-għoljiet jitheżżu, l-imħabba tiegħi ma titħarrek qatt". Jien qed nipprova nirreċiproka din l-imħabba li Alla għandu għalija? Kif qed inkun disponibbli għall-vuċi ta' Alla?
- Alla hu fidil u kollu tjieba. Nirrikonoxxi lili nnifsi fil-bżonn tat-tgħanniqa tal-Missier? Nibża' li nħalli lili nnifsi nkun imdawwar bih, li nħalli lili nnifsi "nitgħawweġ" mill-preżenza tiegħu f'ħajti? Biex nibda ħajja ġdida, liema sinjal nista' npoġġi biex ngħid li din l-għażla tiegħi hija vera?

17 ta' Diċembru
Il-Ġimgħa fit-Tielet Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Ġen 49:2,8-10 Ix-xettru minn id Ġuda ma jitneħħiex.
Salm 71(72):1-2,3-4ab,7-8,17 Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja u s-sliem.
Mt 1:1-17 Ktieb in-nisel ta' Ġesù, bin David.

VERS KERIGMATIKU

Ġen 49:10 Ma jitneħħiex ix-xettru minn idejn Ġuda, il-ħatar minn bejn riġlejh.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam mexxejja foloz
Dawl Kristu l-mexxej ta' veru

RIFLESSJONI

Il-Messija hu bin il-Patrijarki tal-poplu ta' Iżrael. Dak li kien imwiegħed sa mill-ibgħad żminijiet issa wasal biex itemm l-istennija tal-poplu tiegħu. Fil-Vanġelu nsibu lista ta' ismijiet li jirrakkontaw il-bidu ta' Sidna Ġesù Kristu. L-Iben ta' Alla sar bniedem biex ikun wieħed minna u jimxi l-istess triq tagħna u magħna.

Ġesù hu l-mexxej veru tagħna u hu preżenti fl-istorja ta' ħajjitna. Kristu mhuwiex tal-bieraħ imma huwa Kristu tal-lum u ta' dejjem. Kristu mqajjem mill-mewt huwa dak li jifforma l-ħajja tagħna.

Lill-Appostli tiegħu Ġesù ma ridhomx jitħawdu, jibżgħu u jaqtgħu qalbhom. Ma kellhomx għalfejn, ladarba kellhom il-fidi f'Alla u fih. Anki lilna, Ġesù ma jridniex nibżgħu u naqtgħu qalbna. Huwa jrid li aħna nżommu qalbna qawwija u li hu se jgħinna f'kull diffikultà li se tinqala' waqt is-siegħa tal-prova.

Ġesù stess jgħidilna li hu t-Triq tas-Sewwa u l-Ħajja u hu biss jista' jwassalna għal għand Alla l-Missier. Ġesù jgħidilna li ma hemmx triq oħra li wieħed jista' jsib u jimxiha biex jasal għand il-Missier. Jekk irridu nsalvaw ma hemmx triq oħra għajr li nagħrfu lil Kristu, naċċettawh u ngħixu ħajjitna b'rabta miegħu. "Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam iżda jkollu d-dawl tal-ħajja". Ġesù jitkellem ċar: "Jiena hu l-bieb, jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi jsalva. Il-ħalliel ma jidħolx jekk mhux biex jisraq, u joqtol u jeqred". Irridu nħarsu ruħna mill-messiji foloz li jinbtu minn żmien għal żmien. L-akbar messija falz huwa l-mod kif tirraġuna d-dinja kontra dak li jrid Alla.

Fil-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni ta' Kristu, il-Missier Alla qalilna: "Isimgħu lilu". Mingħajr Kristu ebda bniedem ma jista' jsalva. Biex niksbu s-salvazzjoni jeħtieġ li nimxu ħajjitna fid-dinja kif irid Kristu. Jeħtieġ ngħixu b'mod li dak li nagħmlu jkun jaqbel ma' dak li jgħallimna hu.

Qabel ma reġa' mar għand il-Missier, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu li ma kienx se jitlaqhom waħedhom: "Jien magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28:20). Ġesù jqiegħed lilu nnifsu bħala t-Triq għal għand il-Missier. Li timxi tul ħajtek wara Ġesù mhix ħaġa faċili: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum u jimxi warajja" (Mt 16:24). U kif l-imħabba ta' Ġesù wasslitu biex ibati fuq is-salib u jmut, hekk ukoll in-Nisrani hu msejjaħ biex ibati meta jħobb tassew. Meta kliem Kristu jkun id-dawl li jmexxilna ħajjitna, aħna nkunu sibna t-triq li twassalna għal għand il-Missier.

MISTOQSIJIET

- Kif jidħol Ġesù preżenti fl-istorja ta' ħajtek?
- F'min qiegħed inpoġġi l-fiduċja tiegħi f'ħajti?
- Min huma l-allat foloz li jien nimxi warajhom?

18 ta' Diċembru
Is-Sibt fit-Tielet Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Ġer 23:5-8 Inqajjem lil David rimja ġusta, ta' Iżrael.
Salm 71(72):2,12-13,18-19 Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja u s-sliem.
Mt 1:18-24 Ġesù jitwieled minn Marija, għarusa ta' Ġużeppi, bin David.

VERS KERIGMATIKU

Mt 1:23 Ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh "Għimmanu-El", li bi lsienna jfisser "Alla magħna".

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam 'il bogħod minn Alla
Dawl Kristu l-Għimmanuel – Alla magħna

RIFLESSJONI

Il-Liturġija tal-Kelma llum tistedinna nagħmlu mixja biex noqorbu lejn Alla. Titlaq mill-wegħda li l-profeta Ġeremija jagħmel lill-poplu Lhudi fi żmien li fih, minħabba mexxejja ħżiena, dan isib ruħu mjassar fl-eżilju tal-Babilonja. Imċaħħad minn mexxejja kapaċi li jmexxuh u jħarsuh, u mbiegħed minn Ġerusalemm, il-poplu Lhudi jħossu mbiegħed minn Alla. Iżda Ġeremija jħabbarlu li għad jasal żmien meta l-Mulej iqajjem "lil David rimja ġusta, li jsaltan ta' sultan, u jmexxi bil-għaqal u jagħmel is-sewwa u l-ħaqq fil-pajjiż. Fi żmienu Ġuda jkun salv u Iżrael jgħammar fiż-żgur" (23:5b-6a). Din hi l-wegħda tal-Messija! Bħall-poplu Lhudi aħna wkoll nistgħu nħossuna mbegħdin minn Alla għal diversi raġunijiet: forsi għax ngħixu bl-impressjoni li hu mbiegħed u ma jimpurtahx tant minna; forsi għax inħossuna mitlufin u ma nafux min jista' jlaqqagħna miegħu; forsi għax inħossuna mjassrin mid-dnubiet tagħna u nibżgħu jew nistħu nersqu lejh... iżda l-wegħda li jħabbar Ġeremija hi għalina wkoll!

Il-Vanġelu mbagħad jippreżentalna lil Marija u Ġużeppi u jurina kif Alla daħal f'ħajjithom, u b'mod partikolari kif Ġużeppi laqgħu f'ħajtu. Nistgħu faċilment nifhmu d-dwejjaq, l-inkwiet, is-sens ta' tradiment u d-dubji kbar li minnhom kien għaddej Ġużeppi. Iżda f'nofs dawn il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet kollha "deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: 'Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu'" (Mt 1:20b). L-anġlu, il-messaġġier tal-Kelma ta' Alla, jistieden lil Ġużeppi biex jirbaħ id-dubji tiegħu u jieħu għandu lil Marija biex permezz tagħha jirċievi wkoll, b'rigal, lil Ġesù. Hu għalhekk permezz tal-Kelma u ta' Marija, li ġa kienet laqgħet lil Ġesù f'ġufha, li Ġużeppi jiltaqa' ma' Alla! U Ġużeppi "għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu" (Mt 1:24). Aħna msejħin nagħmlu l-istess mixja ta' fidi li għamel Ġużeppi: imsejħin biex, minkejja d-dubji tagħna, infittxu kontinwament lil Alla fil-Kelma tiegħu; imsejħin biex noqorbu dejjem iżjed lejn il-persuna ta' Ġesù fil-Knisja, l-omm li laqgħet u laqqgħetna miegħu; imsejħin imbagħad biex ngħixu l-Kelma li nisimgħu, biex inħallu lil Ġesù jgħix fina u permezz tagħna. U hekk tkun seħħet għalina wkoll il-profezija mħabbra minn Ġeremija!

Tul il-Liturġija tal-Kelma tal-lum niltaqgħu wkoll ma' tliet tifsiriet tal-isem tal-Messija li jkomplu jgħinuna nifmhu aħjar min hu għalina. Fi kliem il-profeta Ġeremija hu "l-Mulej is-Sewwa tagħna" (23:6b) – hu dak li jmexxina fit-triq it-tajba, dik li twassal għall-ġid veru tagħna. Fl-isem *Ġesù*, mogħti lilu minn Ġużeppi skont il-kelma tal-anġlu, hu dak li "jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mt 1:21b) – hu dak li jagħdirna, li jaħfrilna, li jinkuraġġina kull darba li niżbaljaw, kull darba li naqtgħu qalbna. Hu fuq kollox, kif imħabbar mill-profeta Iżaija, l-"'Għimmanu-El', li bi Isienna jfisser 'Alla magħna'" (Mt 1:23b). Għax Alla ġa qiegħed hawn, kontinwament magħna: preżenza ħajja fil-Kelma u fl-Ewkaristija; preżenza siekta u delikata f'kull don li nirċievu f'kull jum ta' ħajjitna: fir-relazzjonijiet sbieħ ma' persuni oħra, fil-ħolqien... f'kull nifs li nieħdu. Alla mħabba li mhux kapaċi joqgħod 'il bogħod minna, imma li, għax iħobbna, iħallina fil-libertà jekk nilqgħuhx jew le. Iħallina fil-libertà li nagħżlu nidħlux f'relazzjoni aktar intima miegħu jew le. L-istess bħalma għamel ma' Ġużeppi.

MISTOQSIJIET

- Bħalma Ġużeppi jiltaqa' ma' Ġesù u jilqgħu permezz ta' Marija, hekk jien nista' niltaqa' verament ma' Ġesù u nilqgħu permezz ta' Ommna l-Knisja. X'nista' nagħmel jien biex dan verament iseħħ?
- Alla tagħna hu l-Għimmanu-El... Alla magħna. Kif nista' nagħmel esperjenza tal-fatt li Alla hu miegħi kontinwament f'ħajti?



AVVENT | 4

19 ta' Diċembru
Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent

QARI

Mik 5:1-4a Minnek għad joħroġli dak li jkun prinċep f'Iżrael.
Salm 79(80):2aċ,3b,15-16,18-19 Mulej, itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi.
Lhud 10:5-10 Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek.
Lq 1:39-45 U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?

VERS KERIGMATIKU

Lq 1:45 Hienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam uġigħ tal-ħlas – it-tbatija fl-istennija
Dawl il-ferħ tat-tarbija li se titwieled – it-twettiq tal-wegħda

RIFLESSJONI

Il-poplu tat-Testment il-Qadim kien poplu kontinwament imġarrab minn ħakmiet barranin, minn persekuzzjonijiet u eżilji. Din il-qagħda soċjali kienet kawża ta' tbatija kbira għall-poplu Lhudi. Għatxan għall-ħelsien, kien spiss jitniehed ma' Alla: "Mulej, Alla tal-eżerċti, kemm se ddum tinkorla minkejja t-talb tal-poplu tiegħek? Tmajthom il-ħobż magħġun bid-dmugħ, sqejthom id-dmugħ bix-xaba'. Għamilt minna t-tilwim tal-ġirien tagħna, l-għedewwa tagħna jiddieħku bina" (Salm 80:5-7). Għal sekli twal, minkejja l-qtigħ il-qalb, il-poplu Lhudi baqa' jgħix fit-tama tal-miġja ta' Messija.

It-tbatijiet tagħna jistgħu jkunu differenti minn dawk li ġarrab il-poplu Lhudi, imma l-esperjenza tat-tbatija, kultant kbira, inġarrbuha aħna wkoll. B'differenza wkoll mill-poplu Lhudi aħna nafu li l-Messija ġa ġie, nagħrfuh fi Kristu Ġesù, u minkejja dan, "il-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed u jokrob bħal waħda fl-uġigħ tal-ħlas; u mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied Alla, il-fidwa ta' ġisimna" (Rum 8:22).

Imma, għall-poplu tat-Testment il-Qadim, u għalina aktar, hemm aħbar tajba mogħtija mill-anġlu lil Marija: "Tibżax, Marija... ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben... Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru, u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu" (Lq 1:30a,32b-33). U Marija tilqa' l-Kelma, u mfawra bl-Ispirtu, "qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet u daħlet għand Żakkarija [isem li bil-Lhudi jfisser 'Alla jiftakar'] u sellmet lil Eliżabetta [Alla jżomm il-wegħda]" (Lq 1:39b-40).

It-tgħanniqa bejn ix-xwejħa Eliżabetta, tqila bi Ġwanni (l-aħħar profeta tat-Testment il-Qadim), u t-tfajla Marija, tqila b'Ġesù (il-Messija mwiegħed), tiġbor fiha l-waqt meta l-istennija twila tal-poplu tat-Testment il-Qadim tilħaq il-qofol tagħha: fl-aħħar il-Messija mixtieq ġie jżur lill-poplu tiegħu! Eliżabetta kienet qed iġġorr f'ġufha lix-*xewqa*, Marija kienet qed iġġorr f'ġufha lill-*Mixtieq*... u x-xewqa u l-Mixtieq jiltaqgħu! "U Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: 'Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej!'".

F'ġuf Eliżabetta hemm l-istennija tal-umanità kollha. Hemm l-istennija tagħna wkoll, ix-xewqa tagħna li niltaqgħu mal-Messija. U sakemm jasal il-jum li aħna wkoll narawh wiċċ imb wiċċ, din ix-xewqa tista' ssir realtà ġewwa fina bl-istess mod kif saret għal Marija u Eliżabetta: fis-smigħ tal-Kelma u fil-qsim tal-Kelma mal-oħrajn. Henjin inkunu aħna meta nemmnu li jseħħ kulma jgħidilna l-Mulej!

MISTOQSIJIET

- "F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet... u baqgħet ma' Eliżabetta għal tliet xhur". Kif nista' jien illum ngħix bl-attitudni ta' Marija li wara t-tħabbira tal-anġlu qamet u marret tħaffef għand Eliżabetta?
- "Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet bil-ferħ fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu". Il-ferħ veru jiġi mil-laqgħa tagħna ma' Alla, li jinsab f'kulma hu tajjeb u sabiħ. Fiex jew fejn nagħmel esperjenza tal-ferħ li ġej minn Alla?

20 ta' Diċembru
It-Tnejn fir-Raba' Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Iż 7:10-14 Araw, ix-xebba titqal u tiled iben.
Salm 23(24):1-2,3-4ab,5-6 Araw, ġej il-Mulej, is-Sultan tal-glorja!
Lq 1:26-38 Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben.

VERS KERIGMATIKU

Iż 7:14 Is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess: Arawha, ix-xebba ssir omm u jkollha iben.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam ma tafdax f'Alla
Dawl tafda f'Alla

RIFLESSJONI

Alla l-Imbierek dejjem jinqeda b'sinjali, ċirkustanzi, sitwazzjonijiet jew persuni biex jurina l-pjanijiet tal-imħabba tiegħu. Ħafna drabi aħna nitolbu jew nixtiequ naraw xi sinjal mingħand Alla tagħna. Li titlob sinjal lil Alla hija ħaġa sabiħa jekk is-sinjal *jagħżlu* Alla, għax ħafna drabi aħna rridu naraw sinjali li 'rridu aħna' u 'li jogħġbu lilna'. B'dan il-mod mhux sinjali mingħand Alla nkunu rridu, imma aħna stess kważi rridu nikkmandaw lil Alla jagħtina dak li rridu aħna skont il-kapriċċi u x-xewqat tagħna! Is-sinjali ta' Alla huma dejjem b'xi sorpriża jew novità li ma nkunux qed nistennewha, imma dejjem iġibu magħhom il-ġid li Alla jrid iwasslilna. Hekk ġara fil-każ

tas-Sultan Aħaż fl-Ewwel Qari, fejn Alla ħabbar lill-poplu tiegħu li l-Messija, l-"Għimmanu-El", kellu jitwieled minn verġni. Dan seħħ verament fit-tħabbira lil Marija ta' Nazaret fil-Vanġelu. Għal Marija stess ma kienx faċili li taċċetta dan is-sinjal, iżda bl-istqarrija ta' fiduċija kbira bħala "qaddejja tal-Mulej" seta' jidher darba għal dejjem is-sinjal tas-salvazzjoni għall-umanità kollha. Dan huwa ċar fil-Misteru tal-Inkarnazzjoni, li niċċelebraw fil-Milied.

Min għandu fiduċja vera fil-Mulej, isseħħu fih l-għeġubijiet ta' Alla. Il-Mulej jinqeda b'sinjali fejn jitlob fiduċja *filjali* fil-pjanijiet tiegħu għall-imħabba lejna. Hekk għamel mal-poplu tiegħu, hekk għamel ma' Marija, u hekk irid jagħmel magħna llum. Jekk aħna nkunu nies li kapaċi nisimgħu l-Kelma, insibu l-qawwa biex ngħaddu mid-dlam għad-dawl, mill-bruda għall-entużjażmu... Huwa l-Mulej li għandu, kif kien iħobb jgħid Dun Mikiel Attard, *"his time and in his way"*. L-'issa' tagħna mhux bilfors ikun l-'issa' tal-Mulej. Lanqas xewqitna mhi bilfors xewqet il-Mulej. Għalhekk, nintelqu f'idejh, bħal Marija. La Alla hu Missierna, ser ikun magħna biex iweżinna f'ħinu u f'waqtu.

Jistax dan iż-żmien ikun il-mument providenzjali li l-Mulej ġej fl-istorja tiegħi u tal-Knisja f'Għawdex?

MISTOQSIJIET

- Kemm-il darba Alla kellimna u żarna fil-ħajja tagħna? Jien attent għal dawk is-sinjali taż-żminijiet li l-Mulej qed jibgħatli permezz tal-Knisja tal-lum?
- Marija hija l-mara li tisma' l-Kelma ta' Alla. Jiena lest, f'dan iż-żmien liturġiku qawwi tal-Avvent, inkun aktar bħal Marija bniedem u Nisrani li jisma' u jwettaq il-Kelma ta' Alla?
- Lest li nagħraf li xi drabi ma ridtx nagħti widen għas-sinjali li l-Mulej ried iwassalli? Lest li nitlob maħfra?

21 ta' Diċembru
It-Tlieta fir-Raba' Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Għan 2:8-14 Il-maħbub tiegħi ġej: arah, ġej, jaqbeż fuq il-muntanji.
(jew Sof 3:14-18a Il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok.)
Salm 32(33):2-3,11-12,20-21 Għannu, ġusti, bil-ferħ lill-Mulej; għannulu għanja ġdida.
Lq 1:39-45 Minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi?

VERS KERIGMATIKU

Għan 2:8 Arah, hu ġej.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam nuqqas ta' intimità ma' Alla
Dawl intimità ma' Alla

RIFLESSJONI

Il-ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet huwa mibni fuq djalogu bejn żewġ maħbubin (l-għarus u l-għarusa) li jfittxu lil xulxin b'passjoni kbira u huma mxennqa għall-imħabba ta' xulxin. Dawn jiltaqgħu u jinfirdu aktar minn darba, bit-tama li saflaħħar jingħaqdu flimkien għal dejjem. Din l-imħabba taż-żewġ namrati, fit-Testment il-Qadim issir allegorija tal-imħabba ta' Alla għall-poplu tiegħu Iżrael, waqt li fit-Testment il-Ġdid issir xbieha tal-imħabba ta' Kristu għall-Knisja.

Is-silta tal-Għanja tal-Għanjiet tippreżenta l-għarusa li titkellem fuq l-għarus tagħha bi kliem poetiku mimli mħabba u passjoni. Hi mhux biss tilmaħ lill-għarus riesaq lejha, imma timmaġinah qiegħed ikellimha. Il-fatt li l-għarusa tagħraf leħen l-għarus tagħha meta dan għadu fil-bogħod ifisser familjarità u intimità kbira li l-għarusa u l-għarus għandhom bejniethom. L-għarusa kapaċi tagħraf il-leħen tal-għarus tagħha u tħoss il-passi tiegħu, dettalji li għal persuna oħra jistgħu ma jfissru xejn, imma li għall-għarusa jfissru ħafna. L-imħabba tagħha tara fil-bogħod. Ix-xbihat tal-għażżiela u taċ-ċerv li magħhom l-għarusa xxebbah lill-għarus tagħha huma espressjoni ta' affett u ta' emozzjonijiet qawwija ta' mħabba. L-għarus mhuwiex il-ħalliel li qed jistaħba biex jisraq, imma l-maħbub li qed jersaq biex jiltaqa' mal-maħbuba tiegħu u jaqsam magħha l-imħabba tiegħu. Minn ġewwa kamritha l-għarusa timmaġina lill-għarus isejħilha bl-għana biex toħroġ mid-dar u tiltaqa' miegħu. Ix-xbieha tal-ħamiema li biha l-għarus isejjaħ lill-għarusa tiegħu tesprimi xewqa ta' intimità u ta' mħabba esklussiva.

(L-għanja u l-ferħ tal-imħabba bejn l-għarusa u l-għarus tal-Għanjiet tal-Għanjiet issir l-għanja ta' mħabba tal-poplu kollu ta' Alla fis-silta tal-profeta Sofonija. Bħall-għarusa, il-poplu ta' Ġerusalemm hu msejjaħ biex jifraħ għax issa Alla jinsab f'nofsu u se jwarrab il-biża' li jiġi mill-għedewwa ta' Iżrael.)

Is-Salm hu innu ta' ferħ lil Alla u jesprimi xewqa kbira għalih. Is-Salmista, f'isem il-poplu ta' Iżrael, jinfexx fil-kant għax jagħraf li hu maħbub u magħżul minn Alla. Alla hu l-maħbub tal-poplu tiegħu.

Is-silta tal-Vanġelu tirrakkonta ż-żjara ta' Marija lill-qariba tagħha Eliżabetta, li kienet diġà bi tqala ta' sitt xhur. Ix-xena hi waħda ta' ferħ u intimità kbira, mhux biss għax Marija u Eliżabetta kienu jiġu minn xulxin, imma għaliex il-Messija hu fil-qrib, jinħass preżenti. Il-ferħ tal-għarusa li titgħaxxaq bl-għarus riesaq lejha moħbi wara l-grada tal-ħadid, kif rajna fl-Ewwel Qari, fis-silta tal-Vanġelu jsir il-ferħ ta' Ġwanni l-Battista li, mistur fil-ġuf ta' ommu, jilmaħ riesaq lil Kristu l-Messija, moħbi hu wkoll fil-ġuf ta' ommu Marija. Hu wkoll il-ferħ ta' Eliżabetta meta tilmaħ lil Marija, li fi ħdanha qed iġġorr il-Feddej. Kollox jgħanni l-ferħ, li fiċ-ċentru tiegħu għandu l-persuna ta' Ġesù. Il-ferħ tal-Battista quddiem il-preżenza ta' Ġesù l-Messija jesprimi qabelxejn il-ferħ tat-Testment il-Qadim li issa qed jara fil-qrib il-wasla tal-Messija. Iż-

żmien tal-profezija u l-istennija issa se jseħħ. Imma x-xena tfisser ukoll il-ferħ tal-Knisja hi u tistenna l-miġja ta' Kristu, kemm permezz tal-Avvent, kemm kull darba li tiċċelebra s-sagramenti, speċjalment l-Ewkaristija. U flimkien mal-Knisja jifraħ kull Nisrani xħin jiltaqa' mal-Mulej Ġesù.

MISTOQSIJIET

- Kull tip ta' mħabba titlob xi forma jew oħra ta' familjarità u intimità. Kif infisser l-intimità tiegħi ma' Alla?
- It-talb hu l-leħen tal-fidi. Kif nitlob u kif inħossni l-aktar qrib ta' Alla fit-talb?

22 ta' Diċembru
L-Erbgħa fir-Raba' Ġimgħa tal-Avvent

QARI

1 Sam 1:24-28 Ir-radd ta' ħajr ta' Anna għat-twelid ta' Samwel.
1 Sam 2:1,4-5,6-7,8abċd Ferħet qalbi bil-Mulej!
Lq 1:46-55 Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar.

VERS KERIGMATIKU

1 Sam 1:27 Il-Mulej laqa' t-talba tiegħi u tani li tlabtu.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam kburija
Dawl umiltà

RIFLESSJONI

Il-Magnificat hi l-għanja ta' dawk li minn issa diġà kellhom esperjenza tal-wegħda tas-salvazzjoni ta' Alla. Jesprimi l-ferħ ta' dak il-bniedem li l-fiduċja tiegħu hi f'Alla. Hi għanja ta' tifħir mibnija fuq is-salm li smajna fil-Qari tal-lum. Kienet kantatu Anna, omm Samwel, meta Alla taha tifel wara ħafna talb. Ir-raġel ta' Anna, jismu Elkana, kellu mara oħra li jisimha Peninna. Din tal-aħħar kienet ta' spiss tinki lil Anna għax hi kellha t-tfal filwaqt li Anna ma setgħetx tnissel. Anna kienet tinfaqa' tibki u ma tikolx.

Anna għamlet wegħda lil Alla li jekk titqal u jkollha tifel, tagħtih lill-Mulej għall-jiem kollha ta' ħajtu. U Alla sema' t-talba tagħha kif kien qalilha l-qassis Għeli. Meta fatmet lit-tifel, li kienet semmietu Samwel, ħaditu fit-Tempju

biex jibqa' hemm. Biex ipattilha għall-ġest sabiħ li għamlet meta offriet lil binha lit-Tempju, Alla biż-żmien żejjinha bi tliet subien oħra u żewġt ibniet.

Meta ppreżentat lil binha Samwel fit-Tempju, Anna kantat l-għanja fejn faħħret lill-Mulej ta' kulma kien għamel mal-qaddejja tiegħu.

L-għanja ta' Marija hi l-għanja tal-bniedem il-ġdid f'Ġesù. Għax min iħobb, jgħanni, u bl-imħabba jwieġeb min iħossu maħbub b'xejn. Din l-għanja hi frott matur ta' min jisma' lil Alla bil-fidi u li fih jara s-sens tal-ħolqien u l-istorja tal-bniedem. Il-Kantiku ta' Marija hu fil-qosor l-istorja tas-salvazzjoni, li tiddeskrivi l-għemejjel ta' Alla, bil-maqlub ta' dawk tal-bniedem. Il-Magnificat fih ħafna riferenzi u allużjonijiet bibliċi.

Fl-ewwel parti Marija trodd ħajr lil Alla tal-grazzji li għamel magħha, u fit-tieni parti testendi għall-bnedmin kollha dak li Alla kien għamel magħha b'seba' affermazzjonijiet.

L-għanjiet ta' tifħir li kantaw Anna u Marija kapaċi nkantawhom aħna llum. Huma l-frott matur ta' dawk li jisimgħu bil-fidi, u b'hekk Alla jiżvela s-sens tal-ħolqien u tal-istorja tal-bniedem. Għandhom l-istess melodija tal-Beatitudnijiet li ħabbar Ġesù fid-Diskors tal-Muntanja.

MISTOQSIJIET

- Il-bniedem tal-lum kapaċi jmur kontra n-natura tiegħu biex jifhem li Alla jħobb lil min hu umli u li jistmerr lis-supperv?
- Nifhmu sew li t-triqat tal-bniedem u dak li jogħġob lid-dinja ħafna drabi jmur kontra dak li jixtieq Alla minna, u allura rridu nkunu dejjem attenti sabiex nagħżlu dak li jogħġob lil Alla?
- Santu Wistin talab lil Alla: "Int għamiltna għalik, o Alla, u qalbna ma ssib qatt kwiet, jekk ma tistrieħx fik". L-esperjenza għallmitna li l-veru ferħ fil-ħajja sibnieh biss meta doqna l-ferħ ta' Alla. Kemm hu kapaċi l-bniedem jirrifletti fuq din il-verità, biex id-deċiżjonijiet li jieħu f'ħajtu jkunu ggwidati lejn il-ferħ veru li jdewwaq Alla?

23 ta' Diċembru
Il-Ħamis fir-Raba' Ġimgħa tal-Avvent

QARI

Mal 3:1-4,23-24 Nibagħtilkom 'l Elija l-profeta qabel ma jasal Jum il-Mulej.
Salm 24(25):4bc-5ab,8-9,10,14 Erfgħu raskom, għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.
Lq 1:57-66 It-twelid ta' Ġwanni l-Battista.

VERS KERIGMATIKU

Mal 3:1 Se nibgħat il-messaġġier tiegħi jwitti t-triq quddiemi.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam messaġġier tal-ħażin
Dawl messaġġier tat-tajjeb: l-aħbar it-tajba

RIFLESSJONI

Alla għandu l-messaġġiera tiegħu li jibgħathom qablu biex iħejjulu t-triq sa ma jiġi l-Mulej. Fit-Testment il-Qadim kien hemm il-profeti, sa Ġwanni l-Battista. Imbagħad Ġesù beda jibgħat il-messaġġiera tiegħu, l-Appostli u d-dixxipli, biex iħabbru l-Aħbar it-tajba tas-salvazzjoni, jiġifieri tal-imħabba ta' Alla għall-bnedmin. Dan il-messaġġ hu wieħed ta' tama u qawwi fl-istess ħin: il-Mulej, bil-miġja tiegħu, irid isalvana. Dan jagħmlu billi jnaddaf lill-poplu tiegħu biex jagħmlu sabiħ u prezzjuż bħall-fidda u d-deheb, kif qrajna fl-Ewwel Qari.

Il-liturġija trid tħejjina għall-Milied permezz tal-istorja dwar it-twelid tal-Prekursur: Ġwanni l-Battista. Ħallejna lil Eliżabetta tqila, u Żakkarija mutu minħabba li ma emminx. Eliżabetta tikser id-drawwiet u t-tradizzjonijiet u

timponi bil-qawwa kollha biex issejjaħ lit-tifel Ġwanni. L-isem Ġwanni huwa isem barra t-tradizzjoni tal-familja ta' Żakkarija u Eliżabetta.

Huwa Alla li ħalaqna fuq ix-xbieha tiegħu u jridna nwettquha bil-libertà u bl-imħabba. Permezz ta' Ġwanni, illum Alla qed jgħidilna li kull wieħed u waħda minna aħna messaġġiera ta' aħbar. Ħajjitna mhix tagħna jew għalina biss, imma hi wkoll għall-oħrajn. Kif jikteb San Pawl, aħna lkoll ittra miktuba minn Kristu biex tinqara mill-oħrajn: "L-ittra tagħna hi intom, miktuba fuq qlubna, magħrufa u moqrija minn kulħadd. Intom tidhru li intom l-ittra ta' Kristu fdata f'idejna, miktuba mhux bil-linka, imma bl-Ispirtu ta' Alla l-ħaj, mhux fuq it-twavel tal-ġebel, iżda fuq it-twavel tal-laħam ta' qalbkom" (2 Kor 3:2-3).

F'din il-ġrajja tat-twelid insibu l-ħajja kollha ta' Ġwanni. Ħajtu kollha, mhux biss il-predikazzjoni tiegħu, issir messaġġ wieħed ta' stedina għall-konverżjoni. Mill-familja tiegħu stess, u mbagħad fil-poplu, jibda jiġbed lill-ħafna mill-poplu biex, permezz tal-magħmudija fil-Ġordan, jikkonvertu b'mod pubbliku.

In-nies stagħġbu bit-twelid tal-Battista u stqarrew: "Mela x'għad ikun dan it-tifel?". It-twelid ta' Ġwanni jħabbar affarijiet ġodda, iħabbar preżenza ta' Alla li din id-darba se jsir laħam. Illum ejjew nieqfu fuq dan it-twelid u nikkontemplaw kif aħna wkoll, b'ħajjitna kollha, nistgħu nkunu messaġġ ta' tama, aħbar sabiħa għall-familja tagħna u għas-soċjetà ta' madwarna.

MISTOQSIJIET

- Ħafna mill-ħin tal-ġurnata ngħadduh ma' persuni oħra – fil-familja, mal-ħbieb, fuq il-post tax-xogħol. X'tip ta' messaġġ qed inkun għal ta' madwari u kif nista' nkun messaġġ "tajjeb" għall-oħrajn?
- Id-dinja tal-lum tiddependi ħafna mill-midja soċjali, li lkoll iwasslulna l-"messaġġi" tagħhom. Kif qed nuża l-mezzi soċjali fir-relazzjonijiet tiegħi mal-oħrajn?

24 ta' Diċembru
Il-Ġimgħa fir-Raba' Ġimgħa tal-Avvent

QARI

2 Sam 7:1-5,8b-12,14a,16 Is-saltna ta' David tibqa' għal dejjem quddiem il-Mulej.
Salm 88(89):2-3,4-5,27,29 It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.
Lq 1:67-79 Mill-għoli jiġi jżurna bħax-xemx tielgħa.

VERS KERIGMATIKU

2 Sam 7:16 Il-familja tiegħek u s-saltna tiegħek jibqgħu sħaħ għal dejjem quddiemi.

AĦBAR IT-TAJBA

Dlam imħabba għal ftit żmien
Dawl imħabba għal dejjem

RIFLESSJONI

Fl-Ewwel Qari għandna r-rakkont fejn is-Sultan David kellu xewqa li jibni dar għal Alla fejn ikun jista' jqiegħed l-Arka tal-Patt. Għal-Lhud l-Arka kienet is-simbolu tal-Preżenza ta' Alla fosthom. Alla jibgħat lill-profeta Natan u jgħidlu li mhux hu (David) se jibnilu dar, iżda Alla stess kien se jibniha għalih. Dan hu riferiment ċar għal Kristu – dak li se jitwieled min-nisel ta' David.

Filwaqt li fit-Testment il-Qadim Alla kien preżenti fost il-Lhud fit-Tinda tal-Arka, issa qiegħed fostna permezz tat-Twelid ta' Ġesù: issa fit-Testment il-Ġdid Alla qiegħed jgħammar fostna fil-Ġisem ta' Kristu.

L-Iben ta' Alla – is-Salvatur tagħna – hu mnissel mir-razza ta' David. Il-fidwa li Ġesù ġab miegħu bdiet isseħħ f'Betlehem, il-belt li fiha twieled David. Il-miġja tal-Iben il-Waħdieni hija l-akbar u l-ogħla rigal li Alla tana: "Għax Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-Waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3:16).

Ġesù tassew iġib il-ferħ u l-imħabba ta' veru u għal dejjem. Fejn hemm il-preżenza ta' Alla, hemm il-paċi, l-hena u s-sliem. Meta twieled Ġesù, l-anġli qalu lir-ragħajja: "Tibżgħux, għax arawni, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu" (Lq 2:10). Minkejja dan, qalb il-bniedem hi mjassra mid-dlamijiet bħall-għira, il-firda, il-mibegħda u l-vjolenza.

Huwa Alla biss li jħobb ta' veru u għal dejjem, jinsa u jaħfer id-dnubiet. L-Għimmanu-El, li tfisser "Alla magħna", ġie biex jurina l-imħabba bla tarf tal-Missier. Matul ħajtu Ġesù fejjaq ħafna morda. Il-fejqan li jagħti Ġesù mhuwiex biss fejqan materjali, iżda fuq kollox spiritwali. Ġesù qabel tela' s-Sema qalilna: "Jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28:20). Ġesù għadu jwasslilna mħabbtu sal-ġurnata tal-lum permezz tal-Ispirtu s-Santu.

Min hu dixxiplu jrid jingħaraf mill-imħabba li juri saħansitra lill-għadu. Fil-fatt, meta ġabar fil-qosor l-Għaxar Kmandamenti, Ġesù qalilna: *Ħobb lil Alla b'qalbek kollha u ħobb lil għajrek bħalek innifsek*. Alla huwa mħabba u din l-imħabba hi infinita u wisq ogħla mill-imħabba kif nifhmuha aħna l-bnedmin. Din l-imħabba dehret fil-milja tagħha fil-persuna ta' Ġesù.

MISTOQSIJIET

- Kif qed ngħix jien dan il-kmandament il-ġdid tal-imħabba fil-ħajja tiegħi?
- Qed inħobbu tassew lil Ġesù fil-proxxmu tiegħi? X'xhieda qed nagħti fl-għemejjel tiegħi?
- X'qed nagħmel jien biex inħalli din l-imħabba ġġeddidni fi Kristu?

DJOĊESI TA' GĦAWDEX